**Parlament Ewropew**
2024-2029

**TESTI ADOTTATI**

**P10_TA(2024)0035**

# Il-Konferenza tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima 2024 f'Baku, l-Ażerbajġan

## Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Novembru 2024 dwar il-Konferenza tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima 2024 f'Baku, l-Ażerbajġan (COP29) (2024/2718(RSP))

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) u l-Protokoll ta' Kjoto tagħha,

– wara li kkunsidra l-ftehim adottat fil-21 Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC (COP21) f'Pariġi fit-12 ta' Diċembru 2015 (il-Ftehim ta' Pariġi),

– wara li kkunsidra t-28 Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC (COP28), it-18-il sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Kjoto (CMP18) u l-ħames sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi (CMA5), u l-Patt Klimatiku ta' Glasgow adottat fis-26 Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC (COP26) fi Glasgow fit-13 ta' Novembru 2021,

– wara li kkunsidra l-ftehim li sar fis-27 Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC (COP27) biex jinħoloq fond speċifiku għal telf u ħsara (L&D), l-istabbiliment, fil-COP28, ta' kumitat tranżitorju dwar l-operazzjonalizzazzjoni tal-arranġamenti l-ġodda ta' finanzjament għar-rispons għal telf u ħsara, u għan-Network ta' Santiago għal Telf u Ħsara,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Novembru 2023 dwar il-Konferenza tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima 2023 f'Dubai, l-Emirati Għarab Magħquda (COP28)[1],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' April 2024 dwar l-Ażerbajġan, b'mod partikolari r-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-każijiet ta' Dr Gubad Ibadoghlu u Ilhamiz Guliyev[2], u r-riżoluzzjonijiet preċedenti l-oħrajn kollha tiegħu rigward l-Ażerbajġan,

– wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta'

---

1 ĠU C, C/2024/4210, 24.7.2024, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/C/2024/4210/oj?eliuri=eli%3AC%3A2024%3A4210%3Aoj&locale=mt.

2 Testi adottati, P9_TA(2024)0369.

Żvilupp Sostenibbli,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Ġunju 2023 dwar l-implimentazzjoni u t-twettiq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli[1],

– wara li kkunsidra r-rapport speċjali tal-Panel Intergovernattiv 2018 dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) dwar it-tisħin globali ta' 1,5 ºC, ir-rapport speċjali tiegħu dwar it-tibdil fil-klima u l-art, ir-rapport speċjali tiegħu dwar l-oċean u l-krijosfera fi klima li qed tinbidel, u s-sitt rapport ta' valutazzjoni tiegħu (AR6),

– wara li kkunsidra l-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima, ir-rapport tiegħu tat-18 ta' Jannar 2024 bit-titolu "Towards EU climate neutrality: progress, policy gaps and opportunities" (Lejn in-newtralità klimatika tal-UE: progress, lakuni fil-politika u opportunitajiet) u r-rapport tiegħu tal-15 ta' Ġunju 2023 bit-titolu "Scientific advice for the determination of an EU-wide 2040 climate target and a greenhouse gas budget for 2030-2050" (Konsulenza xjentifika għad-determinazzjoni ta' mira klimatika għall-UE kollha għall-2040 u baġit għall-gassijiet serra għall-2030-2050),

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 (il-Liġi Ewropea dwar il-Klima)[2],

– wara li kkunsidra l-leġiżlazzjoni tal-UE adottata dan l-aħħar li tbiddel il-miri tal-Unjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet netti b'tal-anqas 55 % sal-2030 meta mqabbla mal-livelli tal-1990 u lejn l-ilħuq tal-mira vinkolanti tal-UE għan-newtralità klimatika sal-2050 (il-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %") f'politiki konkreti f'setturi differenti,

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni (UE) 2022/591 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' April 2022 dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030 ("it-tmien EAP") kif ukoll ir-rapport ta' monitoraġġ tal-2023 tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent dwar il-progress lejn l-objettivi tat-tmien EAP u rieżami ta' nofs it-terminu tat-tmien EAP min-naħa tal-Kummissjoni,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Novembru 2019 dwar l-emerġenza klimatika u ambjentali[3],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Frar 2024 bit-titolu "Niżguraw il-futur tagħna – Il-mira klimatika Ewropea għall-2040 u l-perkors għan-newtralità klimatika sal-2050 aħna u nibnu soċjetà sostenibbli, prospera u ġusta" (COM(2024)0063),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Marzu 2024 bit-titolu

---

1 ĠU C, C/2024/493, 23.1.2024, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/C/2024/493/oj?eliuri=eli%3AC%3A2024%3A493%3Aoj&locale=mt.

2 ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2021/1119/oj?eliuri=eli%3Areg%3A2021%3A1119%3Aoj&locale=mt.

3 ĠU C 232, 16.6.2021, p. 28.

"Il-ġestjoni tar-riskji klimatiċi – nipproteġu l-poplu u l-prosperità" (COM(2024)0091),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Frar 2021 bit-titolu "Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima – L-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima" (COM(2021)0082),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Diċembru 2020 dwar l-istrateġija tal-UE dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima[1],

– wara li kkunsidra r-rapport tal-2023 dwar id-diskrepanza fl-emissjonijiet tal-Programm Ambjentali tan-NU (UNEP) tal-20 ta' Novembru 2023 bit-titolu "Broken Record – Temperatures hit new highs, yet world fails to cut emissions (again)" (Rekord Miksur - It-temperaturi jilħqu l-ogħla livelli, iżda d-dinja tonqos (għal darb'oħra) milli tnaqqas l-emissjonijiet", ir-rapport tiegħu tal-2023 dwar id-diskrepanza fl-adattament tat-2 ta' Novembru 2023 bit-titolu "Underfinanced. Underprepared – Inadequate investment and planning on climate adaptation leaves world exposed" (Mhux iffinanzjat biżżejjed. Mhux ippreparat biżżejjed – Investiment u ppjanar inadegwati dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima jħallu lid-dinja esposta" u r-rapport tiegħu tal-2023 dwar id-diskrepanza fil-produzzjoni tat-8 ta' Novembru 2023 bit-titolu "Phasing down or phasing up? Top fossil fuel producers plan even more extraction despite climate promises" (Tnaqqis gradwali jew tkabbir gradwali? Il-produtturi ewlenin tal-fjuwils fossili jippjanaw saħansitra aktar estrazzjoni minkejja l-wegħdiet klimatiċi),

– wara li kkunsidra r-rapport ta' sinteżi tal-UNFCCC tal-14 ta' Novembru 2023 dwar il-kontributi stabbiliti fil-livell nazzjonali (NDCs) fl-ambitu tal-Ftehim ta' Pariġi,

– wara li kkunsidra s-sommarju tat-tieni rapport tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli Indipendenti dwar il-Finanzjament għall-Klima ta' Novembru 2023 bit-titolu "A climate finance framework: decisive action to deliver on the Paris Agreement" (Qafas ta' finanzjament għall-klima: azzjoni deċiżiva biex jitwettaq il-Ftehim ta' Pariġi),

– wara li kkunsidra r-rapport tal-UNEP tal-1 ta' Diċembru 2023 bit-titolu "An Eye on Methane: International Methane Emissions Observatory 2023 Report" (Ħarsa lejn il-Metan: Rapport tal-2023 tal-Osservatorju Internazzjonali tal-Emissjonijiet tal-Metan) u r-rapport tal-UNEP tas-6 ta' Mejju 2021 bit-titolu "Global Methane Assessment: Benefits and Costs of Mitigating Methane Emissions" (Valutazzjoni Globali tal-Metan: Benefiċċji u Spejjeż tal-Mitigazzjoni tal-Emissjonijiet tal-Metan),

– wara li kkunsidra r-rapport "Global Methane Tracker 2024" (Tracker Globali tal-Metan tal-2024) ta' Marzu 2024 ippubblikat mill-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Ottubru 2020 dwar strateġija tal-UE biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-metan (COM(2020)0663),

– wara li kkunsidra r-rapport tal-eżitu tad-Djalogu Strateġiku dwar il-Futur tal-Agrikoltura tal-UE, bit-titolu "A shared prospect for farming and food in Europe" (Prospettiva komuni għall-biedja u għall-ikel fl-Ewropa),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Ottubru 2021 dwar strateġija tal-UE

---

[1] ĠU C 445, 29.10.2021, p. 156.

biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-metan[1],

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Organizzazzjoni Meteoroloġika Dinjija tad-19 ta' Marzu 2024 dwar l-istat tal-klima globali fl-2023,

– wara li kkunsidra s-Servizz dwar it-Tibdil fil-Klima ta' Copernicus u r-rapport tiegħu "Global Climate Highlights 2023" (Il-Punti Ewlenin Globali dwar il-Klima 2023),

– wara li kkunsidra r-Reġistru Globali tal-Emissjonijiet u r-Riżervi tal-Fjuwils Fossili,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-UNEP tat-18 ta' Frar 2021 bit-titolu "Making Peace with Nature: a scientific blueprint to tackle the climate, biodiversity and pollution emergencies" (Nagħmlu Paċi man-Natura: pjan ta' azzjoni xjentifiku biex jiġu indirizzati l-emerġenzi klimatiċi, tal-bijodiversità u tat-tniġġis),

– wara li kkunsidra r-rapport ta' valutazzjoni globali tal-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi tal-25 ta' Novembru 2019 dwar il-bijodiversità u s-servizzi ekosistemiċi,

– wara li kkunsidra l-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal, li ġie miftiehem fil-15-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Diversità Bijoloġika (COP15),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 bit-titolu "Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030: Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna" (COM(2020)0380),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2021 dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030: Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna[2],

– wara li kkunsidra r-rapport dwar il-workshop sponsorjat b'mod konġunt mill-IPBES-IPCC tal-10 ta' Ġunju 2021 dwar il-bijodiversità u t-tibdil fil-klima,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Ottubru 2022 dwar il-momentum favur l-oċeani biex jissaħħu l-Governanza u l-Bijodiversità tal-Oċeani[3],

– wara li kkunsidra l-ftehim fil-qafas tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar fuq il-konservazzjoni u fuq l-użu sostenibbli tal-bijodiversità marina fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali (il-Ftehim dwar il-Bijodiversità lil hinn mill-Ġuriżdizzjoni Nazzjonali) adottat fid-19 ta' Ġunju 2023,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' April 2021 dwar il-protezzjoni tal-ħamrija[4],

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) tal-4 ta' Diċembru 2019 bit-titolu "The European Environment – State and Outlook 2020" (L-ambjent Ewropew – l-Istat u l-Prospetti tal-2020), il-valutazzjoni tal-EEA tat-8 ta'

[1] ĠU C 184, 5.5.2022, p. 105.
[2] ĠU C 67, 8.2.2022, p. 25.
[3] ĠU C 132, 14.4.2023, p. 106.
[4] ĠU C 506, 15.12.2021, p. 38.

Settembru 2022 tal-potenzjal tal-ħamrija Ewropea għal azzjoni klimatika aktar b'saħħitha, u l-ewwel Valutazzjoni Ewropea tar-Riskju Klimatiku tal-EEA tal-11 ta' Marzu 2024,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Settembru 2020 dwar ir-rwol tal-UE fil-protezzjoni u r-restawr tal-foresti tad-dinja[1],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Settembru 2022 dwar il-konsegwenzi tan-nixfiet, tan-nirien u ta' fenomeni meteoroloġiċi estremi oħra: żieda tal-isforzi tal-UE fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima[2],

– wara li kkunsidra r-rapport "UN World Water Development Report 2023 Partnerships and cooperation for water (Rapport tan-NU dwar l-Iżvilupp tal-Ilma Dinji tal-2023: Sħubiji u kooperazzjoni għall-ilma) tad-9 ta' Mejju 2023 u l-Konferenza tan-NU dwar l-Ilma li saret bejn it-22 u l-24 ta' Marzu 2023, l-ewwel konferenza ewlenija tan-NU ddedikata għall-ilma mill-1977 'l hawn,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Assemblea Ambjentali tan-NU tal-1 ta' Marzu 2024 dwar is-soluzzjonijiet effikaċi u inklużivi għat-tisħiħ tal-politiki dwar l-ilma maħsuba biex jinkiseb żvilupp sostenibbli fil-kuntest tat-tibdil fil-klima, tat-telf tal-bijodiversità u tat-tniġġis,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Ottubru 2022 dwar l-aċċess għall-ilma bħala dritt tal-bniedem – id-dimensjoni esterna[3],

– wara li kkunsidra r-Rapport tan-NU dwar l-Iżvilupp tal-Ilma Dinji 2019 bit-titolu "Leaving No One Behind" (Ħadd Ma Jitħalla Jibqa' Lura),

– wara li kkunsidra r-Rapport tan-NU dwar l-Iżvilupp tal-Ilma Dinji tal-2024 bit-titolu "Water for prosperity and peace" (L-ilma għall-prosperità u l-paċi),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 2020 bit-titolu "Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari għal Ewropa aktar nadifa u kompetittiva" (COM(2020)0098),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Frar 2021 dwar il-Pjan ta' Azzjoni ġdid għall-Ekonomija Ċirkolari[4],

– wara li kkunsidra l-Qafas Globali tal-UNEP dwar is-Sustanzi Kimiċi – Għal Pjaneta Mingħajr Ħsara mis-Sustanzi Kimiċi u mill-Iskart, ippubblikat f'Marzu 2024,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tat-23 ta' Novembru 2020 bit-titolu "Analiżi aġġornata tal-impatti klimatiċi mhux mis-CO2 tal-avjazzjoni u miżuri ta' politika potenzjali skont l-Artikolu 30(4) tad-Direttiva dwar l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet" (COM(2020)0747),

– wara li kkunsidra r-rapport ta' Ġunju 2023 tal-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija

1 ĠU C 385, 22.9.2021, p. 10.
2 ĠU C 125, 5.4.2023, p. 135.
3 ĠU C 132, 14.4.2023, p. 54.
4 ĠU C 465, 17.11.2021, p. 11.

Rinnovabbli bit-titolu "World Energy Transitions Outlook 2023: 1.5 °C Pathway" (Prospettivi tat-Tranżizzjonijiet tal-Enerġija Globali tal-2023: Perkors ta' 1,5 °C),

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija (AIE) ta' Mejju 2021 bit-titolu "Net Zero by 2050 – A Roadmap for the Global Energy Sector" (Emissjonijiet Żero Netti sal-2050 – Pjan Direzzjonali għas-Settur tal-Enerġija Globali) u l-aġġornament tiegħu ta' Settembru 2023 bit-titolu "Net Zero Roadmap: A Global Pathway to Keep the 1.5 °C Goal in Reach" (Pjan Direzzjonali għal Emissjonijiet Żero Netti: Perkors Globali biex l-Għan ta' 1,5 °C Jinżamm f'Livell li Jintlaħaq),

– wara li kkunsidra r-rapport speċjali tal-AIE ta' Mejju 2024 bit-titolu "Strategies for Affordable and Fair Clean Energy Transitions" (Strateġiji għal Tranżizzjonijiet ta' Enerġija Nadifa Affordabbli u Ġusta) u r-rapport tagħha ta' Ġunju 2024 bit-titolu "COP28 Tripling Renewable Capacity Pledge. Tracking countries' ambitions and identifying policies to bridge the gap" (Wegħda tal-COP28 biex Titrippla l-Kapaċità tal-Enerġija Rinnovabbli. It-traċċar tal-ambizzjonijiet tal-pajjiżi u l-identifikazzjoni ta' politiki biex jitnaqqas id-distakk),

– wara li kkunsidra l-Qafas ta' Sendai tan-NU għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri 2015-2030,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-2023 tal-Uffiċċju tan-NU għat-Tnaqqis tar-Riskju tad-Diżastri (UNDRR) tar-Rieżami ta' Nofs it-Terminu tal-Implimentazzjoni tal-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri 2015-2030,

– wara li kkunsidra r-Rapport ta' Valutazzjoni Globali 2023 tal-UNDRR dwar it-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) tal-20 ta' Diċembru 2023 dwar it-Tibdil fil-Klima u s-Saħħa,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Ġunju 2023 dwar Jum Ewropew għall-vittmi tal-kriżi klimatika globali[1],

– wara li kkunsidra r-rapport taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tas-7 ta' Ġunju 2023 bit-titolu "Impacts of climate change on defence-related critical energy infrastructure" (L-impatti tat-tibdil fil-klima fuq l-infrastruttura kritika tal-enerġija relatata mad-difiża),

– wara li kkunsidra l-Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża approvata mill-Kunsill fil-21 ta' Marzu 2022,

– wara li kkunsidra l-Pjan Direzzjonali għat-Tibdil fil-Klima u d-Difiża tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) ta' Novembru 2020,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Ġunju 2022 dwar il-Pjan Direzzjonali tas-SEAE dwar it-Tibdil fil-Klima u d-Difiża[2],

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet adottati tas-66 sessjoni tal-Kummissjoni tan-NU dwar l-Istatus tan-Nisa tal-25 ta' Marzu 2022, bit-titolu "Achieving gender equality and

---

1 ĠU C, C/2024/488, 23.1.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/488/oj?locale=mt.
2 ĠU C 493, 27.12.2022, p. 19.

the empowerment of all women and girls in the context of climate change, environmental and disaster risk reduction policies and programmes" (Il-kisba tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet kollha fil-kuntest tal-politiki u tal-programmi b'rabta mat-tibdil fil-klima, l-ambjent u t-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri),

– wara li kkunsidra r-rapport tar-Rapporteur Speċjali tas-26 ta' Lulju 2022 dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tat-tibdil fil-klima,

– wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 41/21 tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU tat-12 ta' Lulju 2019 bit-titolu "Human Rights and Climate Change" (Id-Drittijiet tal-Bniedem u t-Tibdil fil-Klima),

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-1989, u l-kumment ġenerali Nru 26 tat-22 ta' Awwissu 2023 tal-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal dwar id-drittijiet tat-tfal u l-ambjent b'enfasi speċjali fuq it-tibdil fil-klima,

– wara li kkunsidra l-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal tal-2021,

– wara li kkunsidra r-rapport tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar id-drittijiet tal-popli indiġeni tal-1 ta' Novembru 2017 dwar l-impatti tat-tibdil fil-klima u l-finanzjament għall-klima fuq id-drittijiet tal-popli indiġeni, u d-Dikjarazzjoni ta' Stockholm +50 dwar il-Popli Indiġeni,

– wara li kkunsidra t-tieni rapport tal-UNFCCC tad-29 ta' Jannar 2024 dwar id-determinazzjoni tal-ħtiġijiet tal-Partijiet li ġejjin minn pajjiżi li qed jiżviluppaw relatati mal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni u mal-Ftehim ta' Pariġi,

– wara li kkunsidra l-eżiti tas-Summit għal Patt ta' Finanzjament Globali Ġdid ta' Ġunju 2023,

– wara li kkunsidra l-Qafas Komuni tal-G20 għat-Trattament tad-Dejn lil hinn mill-Inizjattiva dwar is-Sospensjoni tas-Servizz tad-Dejn,

– wara li kkunsidra r-rapporti speċjali 04/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri tal-15 ta' Frar 2023 bit-titolu "L-Alleanza Globali Kontra t-Tibdil fil-Klima(+) – Il-kisbiet ma laħqux l-ambizzjonijiet" u 18/2023 tas-26 ta' Ġunju 2023 bit-titolu "Il-miri tal-UE għall-klima u l-enerġija – Il-miri għall-2020 intlaħqu, iżda ftit hemm indikazzjoni li l-azzjonijiet biex jintlaħqu l-miri tal-2030 se jkunu suffiċjenti",

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Ottubru 2023 dwar it-tħejjijiet għat-28 Konferenza tal-Partijiet (COP28) tal-UNFCCC (Dubai, bejn it-30 ta' Novembru u t-12 ta' Diċembru 2023),

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Ottubru 2024 dwar it-tħejjijiet għad-29 Konferenza tal-Partijiet (COP29) tal-UNFCCC (Baku, bejn il-11 u t-22 ta' Novembru 2024),

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Ottubru 2024 dwar il-finanzjament għall-klima fid-dawl tal-Konferenza tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima, COP 29, bejn il-11 u t-22 ta' Novembru 2024,

– wara li kkunsidra l-mistoqsijiet lill-Kummissjoni u lill-Kunsill dwar il-Konferenza tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima tal-2024 f'Baku, l-Ażerbajġan (COP29) (O-0010/2024 – B10-0104/2024 and O-0009/2024 – B10-0105/2024),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 142(5) u 136(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,

A. billi l-Parlament Ewropew iddikjara emerġenza klimatika u ambjentali u impenja ruħu li jiġġieled u jrażżan din it-theddida b'mod urġenti;

B. billi l-Ftehim ta' Pariġi daħal fis-seħħ fl-4 ta' Novembru 2016; billi, sal-lum, 193 Stat flimkien mal-UE ngħaqdu mal-ftehim, li jirrappreżentaw aktar minn 98 % tal-emissjonijiet globali;

C. billi, skont ir-rapport tal-2023 tal-UNEP dwar id-diskrepanza fl-emissjonijiet, l-implimentazzjoni sħiħa tal-NDCs mingħajr kundizzjonijiet magħmula skont il-Ftehim ta' Pariġi għall-2030 tpoġġi lid-dinja fit-triq it-tajba biex tillimita ż-żieda fit-temperatura għal 2,9 °C f'dan is-seklu; billi l-implimentazzjoni sħiħa tal-NDCs kundizzjonali tnaqqas iż-żieda fit-temperatura għal 2,5 °C;

D. billi r-rapport ta' sinteżi tal-UNFCCC tal-2023 dwar l-NDCs jiddikjara li l-livell totali tal-emissjonijiet globali ta' gassijiet serra (GHG) fl-2030 huwa previst li jkun 2 % taħt il-livell tal-2019; billi l-ewwel rendikont globali li tlesta fl-2023 fil-COP28 jenfasizza li hu assolutament neċessarju li jiġi limitat it-tisħin globali għal 1,5 °C biex jonqsu b'mod sinifikanti r-riskji u l-impatti tat-tibdil fil-klima; billi ċ-ċans li nibqgħu taħt il-1,5 °C qed jonqos b'rata allarmanti; billi l-emissjonijiet għadhom qed jiżdiedu u d-distakk fl-emissjonijiet qed jikber; billi l-IPCC jikkonkludi li f'xenarji li jillimitaw it-tisħin għal 1,5 °C, l-emissjonijiet ta' gassijiet serra jeħtieġ li sal-2030 jkunu 43 % taħt il-livell tagħhom tal-2019;

E. billi nqabżu sitta mid-disa' limiti tal-pjaneta, analizzati miċ-Ċentru ta' Reżiljenza ta' Stokkolma;

F. billi l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2024)0063 tistipula mira tal-klima għall-2040; billi l-president elett Ursula von der Leyen għamlet impenn li tipproponi mira tal-klima għall-2040 fil-linji gwida politiċi tagħha għall-Kummissjoni l-ġdida;

G. billi fis-16 ta' Ottubru 2023 l-UE u l-Istati Membri tagħha ppreżentaw l-NDC aġġornat tagħhom fejn impenjaw ruħhom li jnaqqsu l-emissjonijiet netti tagħhom ta' gassijiet serra b'tal-anqas 55 % sal-2030 meta mqabbla mal-1990, u b'hekk ikomplu jkunu wieħed mill-mexxejja globali fl-azzjoni klimatika;

H. billi l-Istati Uniti jirrappreżentaw 24,1 % tal-emissjonijiet kumulattivi globali tas-CO2, l-UE27 tirrappreżenta 16,7 %, iċ-Ċina 14,7 %, ir-Russja 6,7 % u r-Renju Unit 4,5 %;

I. billi sforz kollettiv huwa meħtieġ min-naħa tal-partijiet kollha biex jintlaħqu l-miri klimatiċi globali; billi l-emissjonijiet tal-UE jirrappreżentaw madwar 6,1 % tal-emissjonijiet dinjija, filwaqt li l-popolazzjoni tal-UE tirrappreżenta 5,7 % tat-total

globali[1]; [2], [3]; billi d-dekarbonizzazzjoni fl-UE waħedha mhux se tkun biżżejjed;

J. billi l-bażi tad-data tal-komunità relatata mal-gassijiet serra tal-Bażi tad-Data tal-Emissjonijiet għar-Riċerka Atmosferika Globali (EDGAR) turi li, fl-2023, l-akbar ekonomiji emerġenti bħaċ-Ċina, l-Indja u l-Brażil żiedu l-emissjonijiet tagħhom, filwaqt li s-setturi kollha fl-EU27 irreġistraw tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom meta mqabbla mal-2022;

K. billi l-ewwel rendikont globali li tlesta fl-2023 fil-COP28 issottolinja l-ħtieġa urġenti li jiġu indirizzati l-kriżijiet globali interkonnessi tat-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità fil-kuntest usa' tal-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, kif ukoll l-importanza vitali, għal azzjoni klimatika sostenibbli, li n-natura u l-ekosistemi jiġu protetti, konservati, restawrati u użati b'mod sostenibbli;

L. billi l-ilma huwa riżorsa fundamentali għall-ħajja tal-bniedem, għall-attivitajiet ekonomiċi inkluża l-agrikoltura, u għall-ekosistemi; billi l-isfidi relatati mal-ilma, inklużi t-tniġġis tal-ilma u l-iskarsezza tal-ilma, qed jiżdiedu; billi l-ilma huwa mezz primarju li permezz tiegħu t-tibdil fil-klima għandu impatt fuq is-soċjetajiet u l-ekosistemi, u viċi versa, inkluż permezz ta' nixfiet, għargħar, skarsezza tal-ilma u xejriet li qed jinbidlu ta' preċipitazzjoni li jsiru aktar b'saħħithom u jseħħu aktar ta' spiss; billi dan jaggrava l-impatt tat-tibdil fil-klima u r-riskji li joħloq għall-bijodiversità, ir-reżiljenza tal-ekosistema, l-agrikoltura, is-sigurtà tal-ikel u tal-enerġija, u l-ħtiġijiet bażiċi tal-bniedem, filwaqt li jhedded il-kisbiet tal-iżvilupp li ma kinux faċli biex jinkisbu u t-tranżizzjoni ekoloġika kif ukoll id-drittijiet tal-bniedem u l-paċi; billi 1,42 biljun persuna jgħixu f'żoni ta' vulnerabbiltà tal-ilma għolja jew estremament għolja; billi l-ġestjoni tal-ilma u tas-sanità reżiljenti għat-tibdil fil-klima hija parti fundamentali mill-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih; billi s-servizzi ekosistemiċi multipli pprovduti mill-ilma għandhom jiġu żgurati, fost l-oħrajn permezz ta' ppjanar tal-ilma, ġestjoni, investiment fl-innovazzjoni relatata mal-ilma, inklużi l-enerġija u l-effiċjenza tal-ilma, l-użu mill-ġdid, u r-restawr u l-protezzjoni tal-ekosistemi tal-ilma ħelu; billi l-ġestjoni tal-ilma għandha rabtiet b'saħħithom ma' politiki oħra, u din titlob koerenza politika u azzjoni li għandha tittieħed fuq l-iskala ta' baċiri tax-xmajjar sħaħ, u tuża soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura;

M. billi l-ħamrija hija l-akbar raggruppament ta' karbonju terrestri u l-iżgurar ta' ħamrija b'saħħitha jsaħħaħ ir-reżiljenza u jnaqqas il-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima;

N. billi l-foresti għandhom rwol essenzjali fl-adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tiegħu; billi l-waqfien tad-deforestazzjoni, l-intensifikazzjoni tal-protezzjoni tal-foresti, l-afforestazzjoni u r-riforestazzjoni, kif ukoll il-forniment responsabbli huma fost l-azzjonijiet ewlenin relatati mal-mitigazzjoni;

O. billi l-effetti tas-sħana jaf ikunu aggravati fil-bliet, fejn tgħix aktar min-nofs il-

---

[1] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-31 ta' Ottubru 2024 bit-titolu "Rapport ta' Progress tal-UE dwar l-Azzjoni Klimatika tal-2024" (COM(2024)0498).

[2] Il-Programm tan-NU għall-Ambjent, "Emissions Gap Report" (Rapport dwar id-Diskrepanza fl-Emissjonijiet), 2024.

[3] Il-Kummissjoni Ewropea: Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, il-Bażi tad-Data tal-Emissjonijiet għar-Riċerka Atmosferika Globali (EDGAR), l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-pajjiżi kollha tad-dinja – 2024.

popolazzjoni dinjija, minħabba l-effett gżira ta’ sħana urbana; billi l-mewġiet ta’ sħana jwasslu għal użu tal-enerġija dejjem ogħla, anqas produttività tax-xogħol u aktar riskji għas-saħħa, u dan iwassal għal imwiet minħabba l-mewġiet ta’ sħana; billi s-soluzzjonijiet naturali, l-inkorporazzjoni tal-infrastrutturi ekoloġiċi u l-installazzjoni ta’ elementi naturali li jagħmlu dell jikkontribwixxu biex ibaxxu t-temperaturi fil-bliet;

P. billi s-sitt rapport ta’ valutazzjoni tal-IPCC u l-parir xjentifiku tal-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima għad-determinazzjoni ta’ mira klimatika għall-UE kollha għall-2040 u baġit għall-gassijiet serra għall-2030-2050 jiddikjaraw b’mod ċar li l-ilħuq tal-miri klimatiċi skont il-Ftehim ta’ Pariġi u l-ilħuq ta’ emissjonijiet żero netti ta’ gassijiet serra primarjament jirrikjedu tnaqqis profond, rapidu u sostnut fl-emissjonijiet tas-CO2, tal-metan, u ta’ emissjonijiet oħra ta’ gassijiet serra, kif ukoll kemm assorbimenti tal-karbonju ibbażati fuq l-art kif ukoll dawk teknoloġiċi fuq skala kbira;

Q. billi 14-il pajjiż biss approvaw it-trattat dwar in-nonproliferazzjoni tal-fjuwils fossili, li l-ebda wieħed minnhom ma huwa Stat Membru tal-UE;

R. billi skont ir-rapport tal-AIE bit-titolu “Tripling Renewable Capacity Pledge: Tracking countries’ ambitions” (Wegħda biex Titrippla l-Kapaċità tal-Enerġija Rinnovabbli: It-traċċar tal-ambizzjonijiet tal-pajjiżi), l-impenji għall-użu tal-enerġija rinnovabbli sal-2030 inklużi fl-NDCs ikunu jwasslu biss għall-ksib ta’ 12 % tat-tripplikar tal-objettiv tal-enerġija rinnovabbli;

S. billi l-oċean huwa l-akbar bir tal-karbonju tal-pjaneta u jassorbi s-sħana u l-enerġija żejda rilaxxati miż-żieda fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra; billi l-bijodiversità tal-baħar hija serjament fil-periklu, minkejja li l-oċean għandu rwol uniku u vitali bħala regolatur tal-klima; billi d-degradazzjoni tal-ekosistemi tal-baħar, bħall-iskolli tal-qroll, il-mangrovji u l-alka tal-qiegħ, iddgħajjef il-kapaċità tal-oċean li jissekwestra l-karbonju u jadatta ruħu għat-tibdil fil-klima, u b’hekk jiġu aggravati l-impatti klimatiċi;

T. billi l-metan kien responsabbli għal madwar 30 % taż-żieda fit-temperaturi globali mir-revoluzzjoni industrijali ’l hawn; billi tnaqqis rapidu u sostnut fl-emissjonijiet tal-metan huwa kruċjali biex jiġi limitat it-tisħin globali fuq terminu qasir;

U. ifakkar li l-AIE stmat li, biex nibqgħu taħt il-1,5 °C, l-emissjonijiet tal-metan mill-fjuwils fossili jeħtieġ li jitnaqqsu b’75 % sal-2030, u jinnota bi tħassib li l-wegħdiet li saru mill-pajjiżi u l-kumpaniji sal-lum iwasslu għal tnaqqis ta’ 50 % biss u li l-biċċa l-kbira tal-wegħdiet għadhom ma ġewx appoġġjati bi pjanijiet għall-implimentazzjoni;

V. billi s-seba’ valutazzjoni tal-OECD tal-progress lejn l-għan ta’ finanzjament għall-klima tal-UNFCCC sabet li fl-2022, il-pajjiżi żviluppati pprovdew total ta’ USD 115,9-il biljun f’finanzjament għall-klima għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw, ċifra li għadha ferm taħt il-bżonnijiet reali;

W. billi l-ewwel rapport tal-UNFCCC dwar id-determinazzjoni tal-ħtiġijiet tal-Partijiet minn pajjiżi li qed jiżviluppaw jiddikjara li r-rapporti nazzjonali ppreżentati mill-Partijiet għal pajjiżi li qed jiżviluppaw juru li l-ispejjeż biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom relatati mal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni Qafas u l-Ftehim ta’ Pariġi jammontaw b’mod kumulattiv sal-2030 għal USD 5,8-5,9 triljun;

X. billi r-rapport tal-UNEP tal-2023 dwar id-diskrepanza fl-adattament jenfasizza li d-diskrepanza attwali fil-finanzjament għall-adattament hija stmata bejn USD 194 biljun u USD 366 biljun fis-sena – diskrepanza li se tiżdied hekk kif l-impatti klimatiċi jintensifikaw;

Y. billi l-għan attwali relatat mal-finanzjament għall-klima ta' USD 100 biljun fis-sena sal-2025, huwa ffinanzjat mill-Partijiet ikklassifikati bħala industrijalizzati meta ġiet iffirmata l-UNFCCC fl-1992; billi din il-klassifikazzjoni ma għadhiex tirrifletti b'mod adegwat il-kapaċitajiet finanzjarji rispettivi tal-pajjiżi u l-emissjonijiet storiċi kumulattivi tagħhom li, minn dak iż-żmien, evolvew b'mod sostanzjali;

Z. billi l-konsistenza bejn il-flussi finanzjarji globali u perkors lejn ekonomija b'emissjonijiet żero netti u reżiljenti għall-klima tikkostitwixxi għan essenzjali għat-tranżizzjoni ekoloġika f'konformità mal-Artikolu 2 tal-Ftehim ta' Pariġi;

AA. billi l-ewwel Rapport ta' Valutazzjoni tar-Riskju Klimatiku tal-UE (EUCRA) sab li xi riskji klimatiċi fl-Ewropa diġà jinsabu issa f'livelli kritiċi, filwaqt li ħafna riskji oħra jistgħu jilħqu livelli kritiċi jew saħansitra katastrofiċi matul dan is-seklu, u dan ikun ta' ħsara għall-kompetittività tal-ekonomiji u l-kumpaniji, ix-xenarju ġeopolitiku, il-forza tax-xogħol u l-koeżjoni soċjali; billi r-rapport tal-EUCRA jirrakkomanda l-integrazzjoni tar-riskji klimatiċi attwali u futuri prattikament fl-oqsma ta' politika kollha, b'azzjoni kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali;

AB. billi l-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima jenfasizza l-ħtieġa li s-sussidji tal-fjuwils fossili li jagħmlu l-ħsara jitneħħew b'mod urġenti u sħiħ madwar l-UE; billi t-tmien EAP jeħtieġ l-iffissar ta' data ta' skadenza għat-tneħħija gradwali tas-sussidji għall-fjuwils fossili, konsistenti mal-ambizzjoni li t-tisħin globali jiġi limitat għal 1,5 °C; billi r-rapport ta' monitoraġġ tal-2023 tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent dwar il-progress favur l-objettivi tat-tmien EAP jenfasizza li l-parti l-kbira tal-Istati Membri ma għandhomx pjanijiet konkreti dwar il-mod kif u sa meta biħsiebhom jeliminaw gradwalment is-sussidji tal-fjuwils fossili; billi dan huwa kritiku biex tiġi aċċellerata t-tranżizzjoni lejn enerġija rinnovabbli, tiġi żgurata allokazzjoni ġusta tar-riżorsi u jinkisbu l-miri klimatiċi tal-UE fl-ambitu tal-Ftehim ta' Pariġi;

AC. billi jeżistu interkonnessjonijiet xjentifikament ippruvati bejn is-saħħa u l-kriżijiet ambjentali u klimatiċi; billi l-popolazzjonijiet l-aktar vulnerabbli jintlaqtu b'mod sproporzjonat mill-impatti tal-effetti tat-tibdil fil-klima, u jiffaċċjaw riskji akbar ta' insigurtà tal-ikel u tal-ilma, theddid għas-saħħa, spostamenti u telf ta' mezzi ta' sussistenza;

AD. billi l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna mhux biss tikser b'mod sfaċċat id-dritt internazzjonali u qiegħda tikkawża telf ta' ħajja enormi u ħsara liċ-ċittadini, iżda wkoll qiegħda ddewwem l-azzjoni dwar it-tibdil fil-klima li tant hemm bżonnha u twassal għal degradazzjoni ambjentali immedjata u fit-tul;

AE. billi t-tibdil fil-klima qiegħed dejjem aktar isir fattur determinanti tal-migrazzjoni u tal-ispostamenti, b'miljuni ta' nies li huma furzati jaħarbu minn djarhom minħabba l-livelli tal-baħar li qed jogħlew, fenomeni meteoroloġiċi estremi, nixfiet u skarsezza ta' riżorsi; billi sal-2050, sa 216-il miljun persuna jistgħu jkunu migranti klimatiċi interni fir-

reġjuni tal-Afrika, tal-Amerka Latina, tal-Asja u tal-Paċifiku u tal-Ewropa tal-Lvant[1];

***Ir-rendikont globali u l-COP29 f'Baku***

1. Jilqa' l-eżitu tal-ewwel rendikont globali fil-COP28, li jirrikonoxxi li l-perkorsi li jillimitaw it-tisħin globali għal 1,5 °C mingħajr ma jinqabeż jew jinqabeż bi ftit u għal 2 °C jeħtieġu l-ogħla livell globali ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra qabel l-2025 u li l-limitazzjoni tat-tisħin globali għal 1,5 °C mingħajr ma jinqabeż jew jinqabeż bi ftit teħtieġ tnaqqis profond, rapidu u sostnut fl-emissjonijiet globali ta' gassijiet serra ta' 43 % sal-2030 u 60 % sal-2035 meta mqabbel mal-livell tal-2019, u b'hekk jintlaħqu emissjonijiet żero netti ta' gassijiet serra sal-2050;

2. Jilqa' l-impenji u l-azzjonijiet ewlenin li ħabbret l-UE fl-okkażjoni tal-COP28 biex tiżdied sostanzjalment l-ambizzjoni klimatika dinjija; iħeġġeġ lill-Partijiet kollha jsegwu permezz ta' implimentazzjoni ambizzjuża u ż-żieda ta' azzjoni determinata fil-livell nazzjonali; jissottolinja r-responsabbiltà partikolari tal-emittenti ewlenin kollha u tal-pajjiżi tal-G20 biex ikunu ta' eżempju; jisħaq li huma meħtieġa sforz kollettiv u azzjonijiet ulterjuri mill-pajjiżi kollha, speċjalment mill-ekonomiji ewlenin u emerġenti kollha; jitlob lill-UE u lis-sħab tal-istess fehma jaħdmu mal-partijiet kollha biex jiżguraw eżitu ta' suċċess fil-COP29;

3. Jappoġġja s-sejħa tal-COP28 lill-Partijiet għall-UNFCCC biex jikkontribwixxu għall-isforz globali biex il-kapaċità tal-enerġija rinnovabbli tittripplika globalment u r-rata annwali medja globali tat-titjib fl-effiċjenza enerġetika tirdoppja sal-2030; iħeġġeġ lill-Partijiet kollha jadottaw miri u politiki konkreti biex jilħqu dawn il-miri u biex dawn jiġu riflessi fl-NDCs tagħhom; jissottolinja l-importanza li l-UE u l-Istati Membri jkollhom rwol ewlieni billi jaċċelleraw l-użu u jsaħħu l-investiment fl-infrastruttura tal-enerġija rinnovabbli u billi jippromwovu l-innovazzjoni fit-teknoloġiji tal-ħżin tal-enerġija;

4. Jappoġġja l-appell tal-COP28 lill-Partijiet biex jaċċelleraw l-isforzi biex inaqqsu b'mod gradwali l-użu tal-enerġija mill-faħam li mhux qed jonqos, u biex jitbiegħdu mill-fjuwils fossili fis-sistemi tal-enerġija b'mod ġust, ordnat u ekwu; bil-ħsieb li titħaffef l-azzjoni f'dan id-deċennju kritiku, sabiex jinkisbu emissjonijiet żero netti sal-2050, f'konformità max-xjenza; jiddispjaċih li l-emissjonijiet globali tas-CO2 relatati mal-enerġija laħqu rekord għoli ġdid fl-2023; jappella biex id-djalogu dwar ir-rendikont globali tal-UNFCCC jinkludi sessjoni ddedikata għall-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom il-pajjiżi meta jtemmu l-espansjoni tal-fjuwils fossili; itenni t-talba tiegħu lill-Partijiet kollha biex jaħdmu fuq l-iżvilupp ta' trattat dwar in-nonproliferazzjoni tal-fjuwils fossili;

5. Jinnota li t-temperatura globali tal-arja tal-wiċċ diġà żdiedet bi kważi 1,3 °C meta mqabbla mal-livelli preindustrijali, u li l-2023 u s-sajf tal-2024 ġew irreġistrati bħala l-aktar sena u sajf sħan tad-dinja u tal-Ewropa[2]; jissottolinja li mewġiet ta' sħana, nixfiet

[1] Il-Bank Dinji, *Groundswell Part 2: Acting on Internal Climate Migration* (Groundswell Parti 2: Naġixxu fir-rigward tal-Migrazzjoni Interna Marbuta mat-Tibdil fil-Klima), Washington, DC, 2021.

[2] L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, *Economic losses from weather- and climate-related extremes in Europe* (Telf ekonomiku minn fenomeni estremi relatati mat-temp u mal-klima fl-Ewropa), Ottubru 2023.

u nirien fil-foresti rekord ikkawżaw telf globali tal-prodott domestiku gross ta' madwar 0,6 % fl-2023, u li fenomeni estremi relatati mat-temp u mal-klima kkawżaw telf ta' madwar EUR 650 biljun fl-Ewropa fil-perjodu bejn l-1980 u l-2022; jenfasizza li minħabba kwalunkwe dewmien biex jiġu implimentati miżuri effettivi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, ir-riskji klimatiċi se jiżdiedu, u b'hekk jirriżultaw f'aktar telf u ħsara;

6. Jesprimi tħassib dwar is-sejbiet tar-rapport tal-UNEP tal-2023 dwar id-diskrepanza fl-emissjonijiet fejn instab li l-implimentazzjoni sħiħa tal-NDCs attwali mingħajr kundizzjonijiet tpoġġi lid-dinja fit-triq it-tajba għal tisħin globali ta' 2,9 °C filwaqt li l-implimentazzjoni u l-kontinwazzjoni addizzjonali tal-NDCs kundizzjonali jwasslu għal tisħin globali ta' 2,5 °C f'dan is-seklu; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li din it-trajettorja hija 'l bogħod mill-mira ta' 1,5 °C li qablu magħha l-Partijiet kollha fir-rendikont globali waqt il-COP28, u tpoġġi lid-dinja fi triq li twassal għal tibdiliet fil-klima irreversibbli u biex jinqabżu punti kritiċi;

7. Jinnota li l-NDCs attwali tal-Partijiet, kollettivament, huma ferm 'il bogħod minn dak li hu meħtieġ biex jinkisbu l-għanijiet fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi; jistieden lill-Partijiet kollha jirrispettaw id-deċiżjoni tal-COP26 rigward il-perjodi ta' żmien komuni u jikkomunikaw, fl-2025, NDC għall-2035, u jressqu dan l-NDC sal-iskadenza prevista mill-Ftehim ta' Pariġi; ifakkar li l-Partijiet kollha għandhom iżidu b'urġenza l-miri klimatiċi u l-politiki ta' akkumpanjament tagħhom biex jiksbu tranżizzjoni rapida u ġusta lejn ekonomiji newtrali għall-klima u jkomplu bl-isforzi biex jillimitaw iż-żieda fit-temperatura għal 1,5 °C bi qbil mal-Ftehim ta' Pariġi u l-eżitu tar-rendikont globali; jilqa' l-"Pjan Direzzjonali għall-Missjoni 1,5 °C", immirat biex jistimola l-ambizzjoni fiċ-ċiklu li jmiss ta' NDCs, varat mit-Trojka tal-Presidenzi tal-COP; jitlob lid-djalogu dwar ir-rendikont globali jappoġġja l-aġġornament min-naħa tal-Partijiet tal-NDCs tagħhom permezz tal-identifikazzjoni tal-għodod, tal-metodoloġiji u tal-gwida speċifika għas-setturi; jisħaq fuq l-importanza li s-seba' ċiklu ta' valutazzjoni għar-rendikont globali li jmiss jitwettaq b'mod komprensiv u f'waqtu;

8. Iħeġġeġ lill-Partijiet kollha biex fl-NDCs tagħhom li jmiss għall-2035 iressqu miri għat-tnaqqis fl-emissjonijiet li jkunu ambizzjużi, kwantifikati u assoluti, minflok relattivi, fil-livell tal-ekonomija kollha, li jkopru l-gassijiet serra, is-setturi u l-kategoriji kollha u jkunu allinjati mal-għan tal-limitazzjoni tat-tisħin globali għal 1,5 °C, kif informati mill-aktar għarfien xjentifiku reċenti, u fid-dawl taċ-ċirkostanzi nazzjonali differenti; jisħaq li dawn l-NDCs riveduti għandhom jinkludu mekkaniżmi trasparenti għall-monitoraġġ u l-obbligu ta' rendikont biex jiġi żgurat li l-progress jiġi segwit b'mod effettiv fir-rigward tal-impenji klimatiċi nazzjonali u l-miri settorjali; jissottolinja l-ħtieġa li l-miri klimatiċi kollha jkunu ċari u trasparenti u jistieden lill-Kummissjoni tipproponi sottomiri separati għat-tnaqqis tal-emissjonijiet gross, l-assorbimenti bbażati fuq l-art u l-assorbimenti teknoloġiċi bħala parti mill-mira tal-2040; jistieden lill-Partijiet l-oħra kollha jipprovdu wkoll ċarezza simili fl-NDCs tagħhom;

9. Iħeġġeġ lill-Partijiet kollha jimpenjaw ruħhom b'mod kostruttiv fil-COP29 sabiex jaslu għal ftehim dwar regoli robusti u rigorużi għal mekkaniżmi kooperattivi skont l-Artikolu 6 li jikkontribwixxi għall-għanijiet fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi, irawwem l-involviment tas-settur privat u jżid il-mobilizzazzjoni ta' riżorsi finanzjarji u mhux finanzjarji għall-azzjoni klimatika, inklużi azzjoni volontarja tas-suq tal-karbonju u approċċi mhux tas-suq; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jiddefendu b'mod strett livell għoli ta' integrità klimatika fin-negozjati, abbażi tal-aħjar għarfien xjentifiku

disponibbli; jisħaq fuq il-fatt li l-mekkaniżmi kooperattivi għandhom jistabbilixxu l-ogħla livell ta' obbligu ta' rendikont, monitoraġġ u trasparenza, u jipprevjenu l-għadd doppju u l-lakuni li jistgħu jimminaw l-ambizzjoni klimatika, filwaqt li jippromwovu tnaqqis reali u verifikabbli fl-emissjonijiet u jappoġġjaw it-tranżizzjoni lejn l-enerġija rinnovabbli, b'mod partikolari fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw; jisħaq li l-għoti ta' finanzjament u appoġġ ieħor mhux ibbażat fuq is-suq biex jiġu implimentati l-NDCs, għandu jkun ridistributtiv, sostnut u prevedibbli fuq perjodi ta' żmien twal;

10. Jinsisti li r-regoli fl-ambitu tal-Artikolu 6 relatati mal-assorbimenti tal-karbonju jridu jiżguraw l-integrità ambjentali billi jistabbilixxu kriterji stretti għall-kwantifikazzjoni, għall-addizzjonalità u l-linji bażi, għar-responsabbiltà, għall-permanenza u għas-sostenibbiltà kif ukoll għar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, u li dawn iridu jiġu implimentati bl-użu ta' ċertifikazzjoni u verifika indipendenti, simili għall-qafas ta' ċertifikazzjoni tal-UE adottat dan l-aħħar; jissottolinja li separazzjoni stretta tal-assorbimenti temporanji u permanenti trid issir f'konformità mal-qafas tal-UE; jilqa' l-ftehim li l-evitar tal-emissjonijiet mhux se jkun eliġibbli biex jiġġenera krediti skont l-Artikolu 6 u jinsisti li din ir-regola trid tiġi rispettata b'mod strett;

*Finanzjament internazzjonali għall-klima u finanzjament sostenibbli*

11. Jirrikonoxxi li l-UE, l-Istati Membri tagħha u l-BEI flimkien huma l-akbar fornituri ta' finanzjament pubbliku għall-klima, u jipprovdu madwar terz tal-finanzjament pubbliku globali għall-klima, fejn il-finanzjament Ewropew għall-klima laħaq l-ogħla livell li qatt kien hemm fl-2022 ta' EUR 28,5 biljun minn sorsi pubbliċi – nofsu permezz ta' għotjiet u nofsu permezz ta' strumenti mhux ta' għotjiet, partikolarment self – u mmobilizzaw ammont addizzjonali totali ta' EUR 11,9-il biljun ta' finanzjament privat;

12. Jinnota li fl-2022 il-pajjiżi żviluppati pprovdew u mmobilizzaw total ta' USD 115,9-il biljun f'finanzjament għall-klima għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw, li 69 % minnu ġie estiż bħala self u 28 % bħala għotjiet, u jaqbeż għall-ewwel darba l-mira annwali ta' finanzjament għall-klima tal-UNFCCC ta' USD 100 biljun[1]; iħeġġeġ lill-pajjiżi jiżguraw li l-mira ta' USD 100 biljun tkompli tintlaħaq sal-2025; ifakkar fl-eżitu tal-COP26 li jħeġġeġ lin-nazzjonijiet żviluppati biex tal-anqas jirduppjaw il-forniment kollettiv tagħhom ta' finanzjament għall-adattament mil-livelli tal-2019 sal-2025, sabiex jinkiseb bilanċ bejn l-adattament u l-mitigazzjoni f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi;

13. Jistieden lill-Partijiet kollha jaqblu dwar għan kollettiv ġdid kwantifikat (NCQG) għal wara l-2025 dwar il-finanzjament għall-klima fil-COP29 li għandu jkun ibbażat fuq sforz globali u varjetà ta' sorsi, strumenti u kanali, inklużi sorsi ta' finanzjament pubbliċi, privati u innovattivi; jistieden lill-Partijiet kollha jiżguraw li l-NCQG jindirizza l-mitigazzjoni, l-adattament u t-telf u l-ħsara b'mod ibbilanċjat, li jista' jinkludi l-esplorazzjoni ta' miri awtonomi;

14. Ifakkar li l-NDCs ta' ħafna pajjiżi li qed jiżviluppaw jiddependu fuq il-finanzjament internazzjonali għall-klima; jenfasizza, għalhekk, li l-għoti ta' finanzjament għall-klima adegwat huwa kruċjali biex jintlaħaq l-għan tal-Ftehim ta' Pariġi; jinnota li l-ħtiġijiet ta' finanzjament għall-klima qed jiżdiedu b'mod sostanzjali, bi stimi tal-ħtiġijiet stmati

[1] OECD, *Climate Finance Provided and Mobilised by Developed Countries in 2013-2022* (Finanzjament għall-Klima Provdut u Mobilizzat mill-Pajjiżi Żviluppati fl-2013-2022), 29 ta' Mejju 2024.

identifikati mill-Kumitat Permanenti dwar il-Finanzi tal-UNFCCC konsistentement ferm ogħla mill-mira attwali ta' USD 100 biljun, u li jilħqu medja ta' aktar minn USD 1 triljun fis-sena sal-2030, bi stimi li jvarjaw skont it-tip ta' ħtiġijiet u s-subsett ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw; jissottolinja, għalhekk, li l-NCQG għandu jirrifletti b'mod ċar il-ħtieġa akbar ta' finanzjament għall-klima globalment, b'mod partikolari ta' stati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw u ta' pajjiżi l-anqas żviluppati, għandu jiġi stabbilit b'mod li jkun ibbażat fuq ix-xjenza, u għandu jkun ġdid u addizzjonali għall-għajnuna għall-iżvilupp uffiċjali;

15. Jemmen li r-responsabbiltà li jitwettaq l-NCQG ta' wara l-2025 għandha tinkludi bażi ta' kontributuri usa' li tirrifletti l-kapaċitajiet finanzjarji li qed jevolvu tal-Partijiet u l-livelli storiċi ta' emissjonijiet; jinsisti li l-ekonomiji emerġenti b'emissjonijiet għoljin u b'PDG għoli għandhom jikkontribwixxu għall-għan il-ġdid;

16. Jisħaq fuq l-importanza li l-NCQG jiddistingwi l-livelli ta' finanzjament b'mod li jirrifletti aħjar il-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tal-pajjiżi l-aktar vulnerabbli għat-tisħin globali u b'kapaċitajiet limitati, b'mod partikolari l-pajjiżi l-anqas żviluppati u l-istati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw;

17. Itenni l-appell tiegħu għal mekkaniżmu ta' finanzi tal-UE prevedibbli li jipprovdi appoġġ addizzjonali u adegwat u jiżgura li l-UE tissodisfa s-sehem ġust tagħha għall-għanijiet ta' finanzjament internazzjonali għall-klima; jistieden lin-negozjaturi tal-finanzjament għall-klima tal-Istati Membri tal-UE jiksbu mandati ċari mill-ministeri tal-finanzi rispettivi tagħhom biex jagħmlu kontribuzzjonijiet finanzjarji sinifikanti lill-NCQG;

18. Jemmen li l-għan ewlieni tal-NCQG għandu jipprijoritizza b'mod ċar il-finanzjament ibbażat fuq l-għotjiet; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu identifikati sorsi ġodda u innovattivi ta' finanzjament; jisħaq li tali sorsi għandhom ikunu soċjalment ġusti u allinjati mal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, jiżguraw li l-ispejjeż tat-tibdil fil-klima jiġġarrbu minn dawk li huma l-aktar kapaċi li jħallsu kif ukoll dawk li huma l-aktar responsabbli li jikkawżawh; jindika l-kontribuzzjonijiet finanzjarji potenzjali mill-katina tal-provvista tal-fjuwils fossili; jitlob li l-NCQG ikollu struttura li twieġeb għat-tagħlimiet meħuda mill-għan annwali ta' USD 100 biljun u li jkun mgħammar b'mekkaniżmi solidi ta' trasparenza u obbligu ta' rendikont biex jiġi segwit it-twettiq tal-kwantum miftiehem sal-iskadenzi miftiehma, u biex jiġi evitat l-għadd doppju u l-greenwashing;

19. Jinnota bi tħassib li ħafna pajjiżi vulnerabbli għall-klima għandhom ħafna dejn jew qegħdin f'riskju ta' ħafna dejn, u qed jesperjenzaw kriżi doppja ta' piż tad-dejn li qed jikber u impatti dejjem akbar tat-tibdil fil-klima; jinnota wkoll bi tħassib li l-ispejjeż u l-ħtiġijiet ta' mitigazzjoni u adattament qed jiżdiedu, u dan qed iwassal għal diskrepanza finanzjarja li qed tikber, filwaqt li l-pajjiżi li qed jiżviluppaw jinsabu taħt restrizzjonijiet fiskali partikolari; jissottolinja għalhekk il-ħtieġa li jiġu indirizzati b'mod konġunt il-kriżijiet klimatiċi u tad-dejn; jappella għal finanzjament internazzjonali għall-klima biex tingħata prijorità lill-istrumenti u miżuri bbażati fuq l-għotjiet u li ma jwasslux għad-dejn biex jiġi żgurat li dawn il-pajjiżi jkunu jistgħu jimplimentaw il-miżuri ta' mitigazzjoni u adattament meħtieġa mingħajr ma jżidu l-piż tad-dejn tagħhom, inkluż fit-tfassil tal-NCQG; jappella, barra minn hekk, għal mekkaniżmu effettiv ta' ristrutturar tad-dejn, inkluż il-prinċipju ta' trattament komparabbli għall-kredituri, kif ukoll l-inklużjoni ta' klawżoli dwar id-dejn tar-reżiljenza għall-klima fis-self futur ta' banek multilaterali tal-iżvilupp;

20. Ifakkar fil-konklużjonijiet tal-COP27, li ddikjarat li l-għoti tal-finanzjament meħtieġ għat-tranżizzjoni klimatika se jirrikjedi trasformazzjoni tas-sistema finanzjarja u tal-istrutturi u l-proċessi tagħha, bl-involviment tal-gvernijiet, il-banek ċentrali, il-banek kummerċjali, l-investituri istituzzjonali u atturi finanzjarji oħra; iqis li l-iffaċilitar ta' sforzi għat-tranżizzjoni klimatika b'mod globali se jeħtieġ l-involviment ta' sistemi finanzjarji domestiċi u internazzjonali biex jitneħħew l-ostakli għall-aċċess għall-finanzjament għal teknoloġiji nodfa u biex il-flussi ta' finanzjament pubbliku u privat jitbiegħdu minn attivitajiet b'intensità ta' emissjonijiet;

21. Iqis li huwa essenzjali li jitwettaq progress mingħajr dewmien fl-Inizjattiva ta' Bridgetown; jemmen li l-NCQG jirrappreżenta opportunità kruċjali biex tiġi aċċellerata r-riforma tal-arkitettura finanzjarja internazzjonali billi jiġu inkorporati l-prinċipji tal-Inizjattiva ta' Bridgetown; jistieden lill-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali ewlenin u l-banek tal-iżvilupp multilaterali kollha jallinjaw il-portafolli u l-politiki ta' self tagħhom mal-Ftehim ta' Pariġi;

22. Ifakkar fir-rwol tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) bħala l-bank tal-UE għall-klima u l-Pjan Direzzjonali tal-Bank Klimatiku tiegħu u l-politika aġġornata dwar is-self fis-settur tal-enerġija, kif ukoll l-isforzi addizzjonali tal-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI) biex jitmexxew l-investimenti klimatiċi; jilqa' l-fatt li l-Bank Ċentrali Ewropew impenja ruħu li jintegra l-kunsiderazzjonijiet dwar it-tibdil fil-klima fil-qafas tal-politika monetarja tiegħu;

23. Jinnota li l-profil ta' riskju għoli ta' ħafna pajjiżi jimpedixxi l-kapaċità tagħhom li jattiraw u jimmobilizzaw investimenti privati biex jimmitigaw it-tibdil fil-klima u jadattaw għalih; jistieden lill-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, lill-banek multilaterali tal-iżvilupp u lill-gvernijiet jikkoordinaw u jipproponu pjanijiet finanzjarji adegwati ta' tneħħija tar-riskji għall-proġetti ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u ta' adattament għalih fil-kuntest tal-COP29; jistieden lill-pajjiżi u lill-banek multilaterali tal-iżvilupp, inkluż il-BEI, jadottaw klawżoli ta' dejn għal reżiljenza għat-tibdil fil-klima f'self futur;

24. Ifakkar li l-fjuwils fossili huma responsabbli għal aktar minn 75 % tal-gassijiet serra kollha u għalhekk huma l-akbar kontributur għat-tibdil fil-klima, bl-emissjonijiet tagħhom li għadhom qed jiżdiedu; jinnota li l-fjuwils fossili għadhom qed jintużaw biex jintlaħaq aktar minn 80 % tal-ħtiġijiet tal-enerġija tad-dinja; jisħaq li l-eliminazzjoni gradwali tal-fjuwils fossili hija kemm meħtieġa kif ukoll teknoloġikament fattibbli; jinnota li l-perkors taħt il-Pjan Direzzjonali tal-AIE b'Emissjonijiet Żero Netti sal-2050 biex iż-żieda fit-temperatura globali tinżamm taħt il-1,5 °C ma jirrikjedi l-ebda żvilupp ġdid taż-żejt, tal-gass jew tal-faħam;

25. Jisħaq li wieħed mill-għanijiet tal-COP29 għandu jkun li tikkoordina sinjal mhux ambigwu li jsegwi l-eżitu tal-ewwel rendikont globali fil-COP28 biex issir tranżizzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili u lejn sorsi rinnovabbli u effiċjenza enerġetika b'mod ġust, ordnat u ekwu; jenfasizza l-importanza li jiġu introdotti kwantifikazzjonijiet u skedi ta' żmien li jiċċaraw biex tiġi aċċellerata l-azzjoni f'dan id-deċennju; jistieden lill-Partijiet kollha, inkluża l-UE, jadottaw pjanijiet biex gradwalment jeliminaw il-fjuwils fossili f'konformità mal-għan tal-Ftehim ta' Pariġi rigward it-temperatura; jistieden lill-Partijiet kollha jesploraw għażliet biex iżidu l-kontribuzzjonijiet tal-kumpaniji tal-fjuwils fossili għall-għanijiet ta' Pariġi;

26. Jisħaq fuq l-importanza li l-fjuwils fossili jiġu eliminati gradwalment mill-aktar fis possibbli; jinnota li fl-ilħuq ta' dan l-objettiv, l-UE għandu jkollha l-għan li timmassimizza s-sigurtà tal-enerġija, il-kompetittività industrijali u l-benesseri taċ-ċittadini tagħha billi tnaqqas il-kontijiet tal-enerġija, u tibni ekonomija effiċjenti fl-użu tal-enerġija u bbażata fuq sorsi rinnovabbli; jinnota b'mod partikolari l-ħtieġa urġenti li jintemmu l-importazzjonijiet tal-UE tal-fjuwils fossili Russi, inkluż il-gass naturali, li jissussidjaw il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna; jistieden lill-pajjiżi tal-G7 imexxu bl-eżempju t-tranżizzjoni tal-enerġija, u lill-Partijiet kollha jiddekarbonizzaw is-sistema tal-enerġija tagħhom u jwaqqfu l-investimenti ġodda kollha fl-estrazzjoni tal-fjuwils fossili; jilqa' l-inizjattivi kollha biex titnaqqas id-dipendenza tal-UE fuq il-fjuwils fossili u biex tiżdied id-diversità tal-fornituri tal-enerġija tagħha; jinnota l-ħidma li għaddejja mill-UE mas-sħab internazzjonali biex tiddiversifika l-provvisti tal-enerġija;

27. Jinnota bi tħassib li s-sussidji għall-enerġija mill-fjuwils fossili fl-UE baqgħu stabbli bejn l-2010 u l-2020, b'madwar EUR 50 biljun fis-sena, u saħansitra żdiedu għal EUR 123 biljun fl-2022; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jimplimentaw ir-rekwiżit fit-tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali li "tiġi stabbilita data ta' skadenza għat-tneħħija gradwali tas-sussidji għall-fjuwils fossili, konsistenti mal-ambizzjoni li t-tisħin globali jiġi limitat għal 1,5 °C"; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri kollha jtejbu r-rapportar nazzjonali tagħhom tas-sussidji għall-fjuwils fossili diretti u indiretti u jippjanaw biex jeliminawhom b'mod gradwali mingħajr dewmien permezz ta' politiki, skedi ta' żmien u miżuri konkreti b'mod li jappoġġja s-sigurtà tal-enerġija u tal-ikel, il-kompetittività industrijali u l-benesseri taċ-ċittadini tal-Unjoni, u jnaqqas il-kontijiet tal-enerġija; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa qafas f'dan ir-rigward f'konformità ma' dan ir-rekwiżit tat-tmien EAP;

28. Jinsab imħasseb li l-gvernijiet madwar id-dinja nefqu aktar minn USD 620 biljun fuq is-sussidji tal-fjuwils fossili fl-2023, ferm aktar mis-USD 70 biljun li ntefqu f'appoġġ għall-enerġija nadifa; iħeġġeġ lill-Partijiet kollha jtemmu s-sussidji diretti u indiretti kollha għall-fjuwils fossili malajr kemm jista' jkun u jallokaw mill-ġdid dawn is-sussidji ta' ħsara għall-azzjoni klimatika, inkluż il-finanzjament internazzjonali għall-klima għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw l-aktar vulnerabbli; jistieden lill-Partijiet kollha jiżguraw rapportar trasparenti tas-sussidji tagħhom għall-fjuwils fossili u jadottaw pjanijiet konkreti għall-eliminazzjoni gradwali tagħhom mill-aktar fis possibbli;

29. Itenni l-appoġġ tiegħu għall-ħidma tal-Koalizzjoni tal-Ministri tal-Finanzi għall-Azzjoni Klimatika u jħeġġeġ lill-gvernijiet kollha jadottaw l-impenji tal-koalizzjoni biex il-politiki u l-prattiki kollha fil-mandat tal-ministeri tal-finanzi jiġu allinjati mal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, u jadottaw ipprezzar effettiv tal-karbonju;

*L-adattament*

30. Jissottolinja l-ħtieġa li tiżdied l-azzjoni ta' adattament fl-UE u globalment biex jiġu minimizzati l-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità; jirrimarka li filwaqt li l-finanzjament u l-implimentazzjoni tal-mitigazzjoni għamlu progress, l-isforzi ta' adattament għadhom lura, b'diskrepanza dejjem akbar kemm fil-finanzjament kif ukoll fl-azzjoni konkreta; jisħaq li l-flussi ta' finanzjament għall-adattament naqsu mill-2020, u li d-distakk qed jikber; jirrikonoxxi li mingħajr azzjoni immedjata, l-ispejjeż tal-adattament se jkomplu jiżdiedu minħabba avvenimenti estremi severi relatati mat-temp u mal-klima;

31. Jilqa' l-ewwel EUCRA[1] u l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Marzu 2024 dwar il-ġestjoni tar-riskji klimatiċi, li tenfasizza l-ħtieġa ta' reżiljenza fid-dawl tar-riskji klimatiċi li qed jiżdiedu; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, tippreżenta pjan Ewropew ta' adattament għall-klima, inklużi proposti u azzjonijiet leġiżlattivi konkreti, b'mod partikolari fir-rigward tar-reżiljenza tal-infrastruttura, il-ġestjoni tal-ilma u soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, filwaqt li tipprijoritizza l-protezzjoni ta' komunitajiet vulnerabbli, biex l-UE ssir aktar reżiljenti u tmexxi bl-eżempju; jisħaq fuq l-importanza tal-iżvilupp u tal-implimentazzjoni kif ukoll tal-aġġornamenti regolari tal-pjanijiet ta' adattament nazzjonali, inkluż b'enfasi fuq l-assistenza finanzjarja u teknika; jistieden lill-Partijiet li għadhom ma għamlux dan biex jistabbilixxu l-pjanijiet ta' adattament nazzjonali tagħhom sal-2025, u biex, sal-2030, ikunu għamlu progress fl-implimentazzjoni tagħhom;

32. Jirrakkomanda l-integrazzjoni ta' soluzzjonijiet oħra bbażati fuq in-natura fiż-żoni urbani biex itaffu t-temperaturi li qed jogħlew, jindirizzaw l-effett gżira ta' sħana urbana u jtejbu l-kwalità tal-arja biex jiġi protett il-pubbliku u jitnaqqsu l-kosti tal-enerġija;

33. Jilqa' l-ftehim dwar il-qafas għall-għan globali dwar l-adattament fil-COP28, jiġifieri l-Qafas tal-Emirati Għarab Magħquda għar-Reżiljenza Klimatika Globali; jenfasizza l-ħtieġa li l-qafas jiġi tradott f'eżiti li jistgħu jitkejlu b'sistemi ta' traċċar robusti fis-seħħ u li jiġi mmonitorjat il-progress lejn il-kisba tal-miri; iħeġġeġ lill-Partijiet kollha jaqblu malajr dwar indikaturi biex jitkejjel il-progress favur il-miri bħala parti mill-programm ta' ħidma ta' sentejn UAE-Belém stabbilit fil-COP28; jenfasizza l-importanza ta' indikaturi inklużivi biex jiġi żgurat li l-adattament isir b'mod soċjalment ġust;

34. Jisħaq li sistemi ta' twissija bikrija huma kritiki għall-adattament effettiv u jappella għal implimentazzjoni rapida kemm tal-Inizjattiva dwar ir-Riskju Klimatiku u s-Sistemi ta' Twissija Bikrija (CREWS), li tiffoka fuq pajjiżi vulnerabbli bħall-pajjiżi l-anqas żviluppati u l-istati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw (SIDS), u l-inizjattiva "Twissijiet Bikrija għal Kulħadd", li tfittex li sal-2027 tiżgura aċċess globali għal sistemi ta' twissija bikrija;

35. Jesprimi tħassib serju dwar l-intensità u l-frekwenza dejjem akbar ta' avvenimenti estremi tat-temp fl-UE u globalment, inklużi n-nirien fil-foresti, in-nixfiet, il-mewġiet ta' sħana u l-għargħar, u l-impatt tagħhom fuq is-saħħa tal-bniedem u ż-żieda fl-imwiet li jikkawżaw, kif kien espress fis-sejbiet tal-ewwel EUCRA; jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti li jissaħħaħ ir-rispons globali kollettiv għat-tibdil fil-klima f'dan id-deċennju kritiku permezz ta' azzjoni ambizzjuża ta' mitigazzjoni u adattament mill-Partijiet kollha sabiex jiġu protetti n-nies, l-għajxien tagħhom, l-ekonomija u l-ekosistemi tagħna; ifakkar fil-ħtieġa li jitqiesu l-kundizzjonijiet klimatiċi futuri meta jsir investiment fl-infrastruttura u l-assi;

***Telf u ħsara***

36. Jilqa' d-deċiżjoni fil-COP28 li jiġi stabbilit il-fond għal telf u ħsara biex jindirizza l-impatti ekonomiċi u mhux ekonomiċi tat-tibdil fil-klima, u jirreaġixxi għalihom, għal pajjiżi li qed jiżviluppaw li jkunu partikolarment vulnerabbli; japprezza l-progress li sar biex jiġi operazzjonalizzat il-fond mill-COP28 'l hawn, inkluż permezz tal-aċċettazzjoni

---

[1] Ir-rapport tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent Nru 1/2024, *European Climate Risk Assessment* (Valutazzjoni Ewropea tar-Riskju Klimatiku), 11 ta' Marzu 2024.

tal-offerta tal-Gvern tal-Filippini li jospita l-fond; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-fond jirċievi finanzjament minn varjetà ta' sorsi b'mod koordinat, inkluż minn sorsi ġodda u innovattivi; jemmen bis-sħiħ li l-finanzjament għat-telf u l-ħsara għandu jagħti prijorità lill-għotjiet u jkun addizzjonali għall-għajnuna għall-iżvilupp uffiċjali u distint minnha;

37. Jistieden lill-Bord tal-fond għat-telf u l-ħsara (L&D) biex jaqbel dwar l-arranġamenti meħtieġa kollha sabiex il-fond ikun jista' jipprovdi finanzjament lill-komunitajiet affettwati, u jekk mhux fl-2024, tal-anqas fil-bidu tal-2025; jitlob li jitħejjew sforz inizjali ta' kapitalizzazzjoni kif ukoll strateġija fit-tul ta' ġbir ta' fondi u rikostituzzjoni mill-COP29; jitlob li r-rappreżentanti tal-komunitajiet lokali affettwati jkunu jistgħu jikkontribwixxu għat-tfassil tal-fond u jitlob li l-Fond jagħti appoġġ lill-komunitajiet lokali b'mod mgħaġġel u mmirat;

38. Iħeġġeġ lill-emittenti ewlenin kollha jikkontribwixxu s-sehem ġust tagħhom għall-fond biex tiġi żgurata l-ġustizzja klimatika globali; jilqa' l-wegħdiet tal-UE u tal-Istati Membri tagħha għall-kapitalizzazzjoni inizjali tal-fond ta' aktar minn EUR 400 miljun, li tkopri aktar minn nofs il-wegħdiet ta' finanzjament totali inizjali;

39. Itenni t-talba tiegħu biex it-telf u l-ħsara jkunu punt permanenti tal-aġenda fil-COPs, sabiex jiġi mmonitorjat u jsir progress dwar din il-kwistjoni, u għall-użu sħiħ tan-Network ta' Santiago sabiex tiġi katalizzata b'mod effettiv l-assistenza teknika biex jiġu indirizzati b'mod adegwat it-telf u l-ħsara;

40. Jistieden lill-Partijiet kollha jivvalutaw u jikkwantifikaw il-vulnerabbiltajiet u l-ħtiġijiet tagħhom relatati mat-telf u l-ħsara sabiex jirreaġixxu għall-aktar impatti severi tat-tibdil fil-klima fiċ-ċiklu li jmiss tal-NDCs; jistieden lill-Partijiet kollha jistabbilixxu u jimplimentaw regoli dwar it-trasparenza tal-infiq fi ħdan il-qafas tat-telf u l-ħsara biex jiżguraw l-impatt u l-effettività tal-appoġġ finanzjarju;

***Il-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati fil-COP29***

41. Ifakkar fl-importanza tal-involviment sħiħ tal-Partijiet kollha fil-proċessi ta' teħid tad-deċiżjonijiet tal-UNFCCC; jistieden lill-presidenza tal-COP29 u lill-presidenzi futuri jippermettu aħjar il-parteċipazzjoni tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u d-delegati mill-pajjiżi l-anqas żviluppati u jallokaw riżorsi addizzjonali għal dan; iħeġġeġ lill-Partijiet jinkludu liż-żgħażagħ fid-delegazzjonijiet tagħhom biex jiżguraw li l-ġenerazzjonijiet futuri jkollhom rwol attiv fit-tfassil tad-deċiżjonijiet li jikkonċernaw il-futur tagħhom; jitlob li jiżdied l-użu ta' pjattaformi virtwali fil-COPs biex jissaħħu l-inklużività globali u l-parteċipazzjoni tad-delegati u tar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili;

42. Jisħaq li l-għanijiet klimatiċi ma jistgħux jintlaħqu mingħajr l-appoġġ u l-involviment tal-pubbliku; jistieden lill-Partijiet kollha jqajmu kuxjenza u fehim pubbliku dwar it-tibdil fil-klima u kwistjonijiet relatati, jiġġieldu kontra kemm il-miżinformazzjoni kif ukoll id-diżinformazzjoni u jaħdmu mar-rappreżentanti pubbliċi biex jiksbu appoġġ pubbliku għal miżuri ta' mitigazzjoni u adattament;

43. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' April 2024 dwar l-Ażerbajġan; jisħaq fuq it-tħassib kbir tiegħu rigward is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ażerbajġan; jistieden lill-Ażerbajġan jirrispetta d-drittijiet tal-priġunieri politiċi, tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tal-ġurnalisti kollha u jeħlishom minnufih u mingħajr kundizzjonijiet u jinsisti li l-ftehimiet ta' sħubija jsiru kundizzjonali fuq dan u fuq it-

titjib tas-sitwazzjoni ġenerali tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż; iqis li l-ksur li għaddej bħalissa tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ażerbajġan huwa inkompatibbli mar-rwol tal-pajjiż biex jospita l-COP29; iħeġġeġ lill-UE tuża l-COP29 bħala okkażjoni għall-komunità internazzjonali biex tfakkar lill-Ażerbajġan dwar l-obbligi internazzjonali tiegħu u biex tikkundanna u tindirizza b'mod sinifikanti l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem tal-Ażerbajġan fl-interazzjonijiet kollha mal-awtoritajiet tal-Ażerbajġan meta tkun f'Baku matul il-COP29;

44. Jeżiġi li l-organizzaturi jiżguraw li d-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali, il-parteċipazzjoni sħiħa u mingħajr restrizzjonijiet għaċ-ċittadini u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u l-aċċess ekwu għal din il-COP u għal dawk futuri jkunu minquxa u ggarantiti bis-sħiħ fil-Ftehim tal-Pajjiż Ospitanti, li għandu jsir pubbliku mill-aktar fis possibbli wara l-iffirmar; jistieden lis-segretarjat tal-UNFCCC jimmonitorja l-konformità u jieħu azzjoni f'każ ta' ksur ta' tali kriterji tad-drittijiet tal-bniedem;

***Il-kunflitt ta' interess, it-trasparenza u l-integrità***

45. Jilqa' t-tħejjija tal-ewwel rapporti biennali dwar it-trasparenza skont il-Ftehim ta' Pariġi; jisħaq fuq l-importanza ta' rapportar granulari u trasparenti li jivvaluta l-progress fir-rigward tal-NDCs; jieħu nota tat-tnedija tal-Pjattaforma Globali ta' Baku għat-Trasparenza Klimatika;

46. Jesprimi tħassib li aktar minn 2 400 lobbist tal-fjuwils fossili kienu parteċipanti akkreditati fil-COP28; jistieden lill-UNFCCC u lill-Partijiet jiżguraw li l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet ikun protett minn interessi li jmorru kontra l-għan tal-Ftehim ta' Pariġi; iħeġġeġ lill-UNFCCC tieħu l-inizjattiva li tipproponi qafas ambizzjuż dwar ir-responsabbiltà li jipproteġi l-ħidma tal-UNFCCC minn influwenza indebita minn atturi korporattivi b'interessi akkwiżiti ppruvati, abbażi tal-mudell li jinsab fil-Konvenzjoni ta' Qafas tad-WHO dwar il-Kontroll tat-Tabakk fir-rigward tal-industrija tat-tabakk;

47. Jesprimi tħassib serju li l-Ministru tal-Ekoloġija u r-Riżorsi Naturali tal-Ażerbajġan Mukhtar Babayev, li, qabel ma sar ministru, qatta' 26 sena jaħdem għall-Kumpanija tal-Istat taż-Żejt tar-Repubblika tal-Ażerbajġan (Socar), inħatar bħala l-President tal-COP29; jesprimi tħassib serju dwar id-dikjarazzjoni reċenti tal-President tal-Ażerbajġan Ilham Aliyev li huwa kien se jiddefendi l-interessi tal-pajjiżi għonja fil-fjuwils fossili biex ikomplu l-investimenti u l-produzzjoni tagħhom; iqis li dan jikkostitwixxi riskju serju ta' kunflitt ta' interess; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu l-azzjonijiet kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-presidenzi tal-COP li jmiss ikunu ħielsa minn kunflitti ta' interess;

***Il-politika tal-UE dwar il-klima allinjata mal-Ftehim ta' Pariġi***

48. Jieħu nota tal-NDC aġġornat tal-UE, li huwa r-rispons tal-Unjoni għat-talba fil-Patt Klimatiku ta' Glasgow biex tirrevedi u ssaħħaħ l-NDCs tal-Partijiet għall-2030; jenfasizza li l-leġiżlazzjoni attwali tal-UE dwar il-klima, meta tiġi implimentata bis-sħiħ, hija mistennija li tnaqqas l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra tal-UE sal-2030 b'madwar 57 % meta mqabbla mal-1990; jenfasizza, għalhekk, il-ħtieġa li l-qafas legali eżistenti għall-2030 jiġi implimentat fis-snin li ġejjin b'mod sempliċi, ġust u kosteffiċjenti, filwaqt li jkompli jingħata appoġġ liċ-ċittadini u lis-setturi ekonomiċi matul din it-tranżizzjoni; jisħaq fuq l-importanza ta' qafas ta' politika stabbli u prevedibbli biex jipprovdi ċarezza għall-investituri, in-negozji u ċ-ċittadini; jinnota li

kwalunkwe sforz addizzjonali ta' aktar minn 55 % inaqqas b'mod konsiderevoli l-emissjonijiet kumulattivi tal-Unjoni sal-2050; iħeġġeġ bil-qawwa, għalhekk, lill-Istati Membri kif ukoll lis-settur privat biex jieħdu l-azzjonijiet kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-mira tintlaħaq; jesprimi tħassib, f'dan ir-rigward, dwar id-distakk fl-ambizzjoni fil-pjanijiet nazzjonali attwali dwar l-enerġija u l-klima ppreżentati mill-Istati Membri u jistieden lill-Istati Membri kollha jżidu l-azzjoni klimatika tagħhom; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiżguraw li l-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima u l-istrateġiji fit-tul tal-Istati Membri jinkludu biżżejjed azzjoni u mezzi finanzjarji biex jintlaħqu l-miri tal-UE għall-2030 u l-objettivi fuq żmien fit-tul;

49. Jisħaq fuq l-importanza li l-NDCs għall-2035 jiġu proposti fil-fażi preparatorja tal-COP30, f'konformità mal-perjodi ta' żmien komuni ta' ħames snin tal-UNFCCC u f'konformità mal-iskadenza għas-sottomissjoni stabbilita mill-Ftehim ta' Pariġi; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi NDC għall-2035 fi żmien debitu, filwaqt li żżomm lill-UE fuq perkors lejn l-2040 u lejn emissjonijiet żero netti fl-2050 u abbażi ta' valutazzjoni xierqa;

50. Jissottolinja l-ħtieġa li tiġi adottata mira klimatika tal-UE bbażata fuq ix-xjenza għall-2040 f'konformità mal-Liġi Ewropea dwar il-Klima u f'konformità mal-konklużjonijiet tal-ewwel rendikont globali, u jfakkar fir-rakkomandazzjonijiet tal-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima; jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tipproponi mira klimatika għall-2040, akkumpanjata minn politiki abilitanti;

51. Iqis li huwa importanti li l-UE tibqa' mexxejja fin-negozjati internazzjonali dwar il-klima u jistieden lill-UE żżid id-diplomazija ekoloġika tagħha sabiex tħeġġeġ lil Partijiet oħra jintensifikaw l-azzjoni klimatika tagħhom lejn il-kisba tal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, li se jgħin ukoll biex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi internazzjonali, tiġi evitata r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u jiżdied l-appoġġ pubbliku għall-azzjoni klimatika;

52. Itenni l-ħtieġa li l-ambizzjoni klimatika tiġi integrata fil-politiki kollha tal-UE u fil-miżuri li jittrasponuhom, u jissottolinja li l-Artikolu 6(4) tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima jobbliga lill-Kummissjoni tivvaluta l-konsistenza ta' kwalunkwe abbozz ta' miżura jew proposta leġiżlattiva, inklużi l-proposti baġitarji, mal-miri klimatiċi tal-UE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni timplimenta bis-sħiħ din id-dispożizzjoni fil-mod kif twettaq valutazzjonijiet tal-impatt fl-oqsma kollha tal-politika tal-UE;

53. Itenni l-prinċipju tal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp, li għalih impenjaw ruħhom l-UE u l-Istati Membri tagħha u li għandu l-għan li jimminimizza l-kontradizzjonijiet u jibni sinerġiji bejn il-politiki differenti tal-UE; jinsisti fuq approċċ koerenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi u l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli kemm fil-politiki interni kif ukoll f'dawk esterni;

54. Jisħaq li s-sitwazzjoni ġeopolitika attwali tkompli tenfasizza l-ħtieġa urġenti li tintemm id-dipendenza tal-UE fuq il-fjuwils fossili u l-ħtieġa li jkun hemm tranżizzjoni lil hinn mill-ekonomija bbażata fuq il-fjuwils u li tingħata spinta lill-użu ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli u b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju; jenfasizza li l-UE jeħtiġilha tevita li tkun dipendenti mil-lat ta' enerġija fuq pajjiżi mhux tal-UE; jilqa' l-progress li sar mit-tnedija tar-RePowerEU fuq dawn iż-żewġ aspetti; jappella biex l-UE u l-Istati Membri tagħha jħaffu din it-tranżizzjoni; jissottolinja li dan se jirrikjedi li jiżdiedu l-miri għall-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika bħala parti mill-qafas għal wara l-2030;

jistieden lill-Kummissjoni tindirizza r-rakkomandazzjoni mill-Bord Konsultattiv Xjentifiku tal-UE dwar it-Tibdil fil-Klima biex tiżgura l-konsistenza tal-politiki tal-UE mal-ħtieġa ta' tranżizzjoni lil hinn minn ekonomija bbażata fuq il-fjuwils fossili, filwaqt li jiġu evitati lock-ins tal-karbonju u assi mhux rekuperabbli;

55. Ifakkar li, fl-24 ta' April 2024 huwa ta l-approvazzjoni tiegħu għad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tal-ħruġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika mit-Trattat tal-Karta tal-Enerġija[1];

***Il-kriżi planetarja tripla: it-tibdil fil-klima, it-tniġġis u t-telf tal-bijodiversità***

56. Jissottolinja li l-kriżijiet tat-tibdil fil-klima, tat-tniġġis u tal-bijodiversità huma kollha interkonnessi u li r-risponsi għal dawn il-kriżijiet jeħtieġ li jiġu allinjati; jindika l-konsegwenzi serji tagħhom, bħad-deżertifikazzjoni, l-iskarsezza tal-ilma, id-degradazzjoni tal-oċeani u n-nixfa; jenfasizza l-importanza tal-protezzjoni, il-konservazzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistemi u tal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali sabiex tissaħħaħ il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih ibbażati fuq in-natura, u jiġi evitati eventi ta' temp estrem u tissaħħaħ ir-reżiljenza;

57. Jenfasizza l-ħtieġa li jiżdied l-investiment u li jsir investiment b'mod aktar effiċjenti f'soluzzjonijiet innovattivi u bbażati fuq in-natura, bħall-afforestazzjoni, ir-riforestazzjoni u l-pajsaġġi li jservu bħala sponoż naturali, ir-restawr tal-artijiet mistagħdra u l-prattiki agrikoli riġenerattivi, sabiex jissaħħaħ l-adattament għall-klima, b'mod partikolari biex jiġu limitati l-għargħar u n-nixfiet; jenfasizza li tali approċċi għandu jkollhom impatt pożittiv fuq il-bijodiversità fejn possibbli, u għandhom inaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju mill-ħamrija u l-effetti mhux fuq il-post fuq il-korpi tal-ilma, inaqqsu l-kompattazzjoni tal-ħamrija u jiffaċilitaw l-adattament tal-foresti għat-tibdil fil-klima; jieħu nota tar-rwol tal-proposti tal-Kummissjoni dwar il-governanza tal-foresti u l-monitoraġġ tal-foresti f'dan ir-rigward; jesprimi tħassib dwar id-distakk sinifikanti bejn il-mira għat-titjib tal-bjar tal-karbonju tal-2030 stabbilita mir-Regolament dwar l-Użu tal-Art, it-Tibdil fl-Użu tal-Art, u l-Forestrija[2], u l-miżuri biex jintlaħqu l-miri inklużi fil-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima; iħeġġeġ lill-Istati Membri jżidu l-ambizzjonijiet tagħhom;

58. Jirrikonoxxi li ekosistemi b'saħħithom u bijodiversità rikka jipprovdu servizzi kritiċi għall-ħajja, u jenfasizza l-fatt li t-tibdil fil-klima huwa wieħed mill-ixprunaturi diretti tat-telf tal-bijodiversità; jindika kif it-tibdil fil-klima diġà bidel l-ekosistemi tal-art, tal-ilma ħelu u tal-baħar madwar id-dinja kollha, u kkawża telf ta' speċijiet u tnaqqis fis-

---

1 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1677 tat-30 ta' Mejju 2024 dwar l-approvazzjoni tal-irtirar tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika mit-Trattat tal-Karta tal-Enerġija (ĠU L, 2024/1677, 13.6.2024, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/dec/2024/1677/oj?eliuri=eli%3Adec%3A2024%3A1677%3Aoj&locale=mt).

2 Ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2018/841/oj?eliuri=eli%3Areg%3A2018%3A841%3Aoj&locale=mt).

servizzi ekosistemiċi ewlenin;

59. Jissottolinja li firxa wiesgħa ta' benefiċċji ta' mitigazzjoni u adattament huma offruti mill-konservazzjoni u r-restawr ta' ekosistemi b'livell għoli ta' karbonju bħat-torbieri, l-artijiet mistagħdra, il-foresti (inklużi l-foresti primarji), is-sistemi tal-agroforestrija tradizzjonali, il-mergħat u l-ekosistemi tal-karbonju blu bħall-bwar salmastri, il-ħaxix tal-baħar u l-mangrovji, kif ukoll l-ispeċijiet li jippermettu li dawn l-ekosistemi jiffunzjonaw; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa l-immappjar ta' dawn l-ekosistemi u tiżviluppa metodoloġiji għall-kontabbiltà preċiża, robusta u trasparenti tal-assorbimenti u tal-emissjonijiet tal-karbonju minn dawk l-ekosistemi b'mod li ma jimminax l-objettivi tal-bijodiversità, u jissottolinja li l-kwalità taż-żoni protetti għandha tiġi rispettata; iwissi li l-investimenti u l-inċentivi kontradittorji, bħall-finanzjament tat-tneħħija tal-ilma mill-artijiet mistagħdra u l-finanzjament sussegwenti tar-restawr tal-istess żoni, jimminaw l-effettività tar-riżorsi finanzjarji tal-UE u joħolqu inċertezza għall-bdiewa u għas-settur agrikolu;

60. Iħeġġeġ lill-partijiet kollha, meta jieħdu azzjoni biex jindirizzaw it-tibdil fil-klima, sabiex jimpenjaw ruħhom li jipproteġu, jirrispettaw, jippromwovu u jissodisfaw l-obbligi tagħhom dwar id-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-dritt għal ambjent nadif, tajjeb għas-saħħa u sostenibbli, u d-drittijiet tal-popli indiġeni kif stabbiliti fid-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni u d-drittijiet tal-komunitajiet lokali; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu appoġġjati u protetti d-difensuri ambjentali u li dawk li jhedduhom jinżammu responsabbli; jenfasizza l-importanza tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-ġustizzja interġenerazzjonali fl-indirizzar tal-kriżi klimatika; jistieden lill-partijiet kollha jiddefendu dawn il-valuri u jiżguraw parteċipazzjoni pubblika sinifikanti, aċċess għall-informazzjoni, u kunsens liberu, minn qabel u infurmat;

61. Jistieden lill-partijiet kollha jagħmlu progress fil-COP29 lejn it-teħid ta' deċiżjonijiet li jsib bilanċ bejn il-pilastri soċjali, ambjentali u ekonomiċi;

62. Jisħaq fuq l-importanza li jiġi implimentat il-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, inkluża l-ħtieġa li tiġi mmassimizzata l-kapaċità tan-natura li tgħin fil-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih u li jiġi mminimizzat l-impatti negattivi tal-azzjoni klimatika fuq il-bijodiversità; ifakkar li l-konservazzjoni ta' ekosistemi b'bijodiversità għolja u intatti fuq l-art u fl-oċean hija l-aktar azzjoni kosteffettiva bbażata fuq in-natura biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima; jistieden lill-partijiet kollha jżidu l-isforzi tagħhom biex jissodisfaw l-obbligi internazzjonali tagħhom dwar il-bijodiversità, filwaqt li jfakkar fil-falliment fl-ilħuq tal-miri ta' Aichi; jilqa' l-preżentazzjoni tal-miri tal-UE skont dan il-Qafas;

63. Jenfasizza li l-ħamrija hija l-akbar bir tal-karbonju terrestri u għandha rwol indispensabbli fiċ-ċiklu tal-klima globali; jissottolinja l-impatti transkonfinali tad-degradazzjoni tal-ħamrija; jilqa' l-isforzi kollha mill-gvernijiet u l-atturi mhux governattivi biex jimmassimizzaw il-potenzjal tal-ħamrija ħalli jiġi mmitigat it-tibdil fil-klima u tittejjeb id-disponibbiltà tal-ilma; jieħu nota tar-rwol tal-proposta tal-UE fid-Direttiva dwar il-Monitoraġġ u r-Reżiljenza tal-Ħamrija;

64. Jenfasizza l-impatti devastanti ambjentali, soċjali, ekonomiċi u agrikoli tad-deżertifikazzjoni, it-tniġġis tal-ilma, in-nixfiet, l-għargħar u n-nirien fil-foresti intensifikati mit-tibdil fil-klima; jenfasizza l-importanza tal-protezzjoni, il-

konservazzjoni u r-restawr tal-ilma u tal-ekosistemi relatati mal-ilma bħala komponenti vitali tar-reżiljenza għall-klima u l-konservazzjoni tal-bijodiversità; jafferma l-ħtieġa ta' ġestjoni tal-ilma li tevita l-iskarsezza tal-ilma u t-tniġġis, fejn iċ-ċirkwiti tal-ilma u tar-riżorsi huma fil-biċċa l-kbira magħluqa biex irawmu ekonomija ċirkolari u effiċjenza u rkupru ottimali tar-riżorsi;

65. Jilqa' l-enfasi fuq l-isfidi relatati mal-ilma mill-presidenza tal-COP29, li tipprovdi pjattaforma globali matul il-COP29 sabiex il-partijiet jikkollaboraw u jipprovdu soluzzjonijiet dwar l-ilma; jilqa' t-tnedija tal-ewwel strateġija tas-sistema kollha tan-NU dwar l-ilma u s-sanità bħala għodda ewlenija biex titrawwem ir-reżiljenza tal-komunitajiet għat-tibdil fil-klima;

66. Jappella għal kooperazzjoni internazzjonali msaħħa, inkluż fil-livell tal-baċiri tax-xmajjar, biex tiġi indirizzata l-kriżi tal-ilma li qed tikber, jiġi żgurat ilma nadif u ta' kwalità għolja, tiġi promossa l-ġestjoni sostenibbli tal-ilma u jiġu implimentati soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura; jistieden lill-partijiet kollha jadottaw strateġiji dwar l-ilma f'konformità mal-politika tagħhom dwar il-klima, sabiex jiksbu s-sigurtà tal-ilma, is-sostenibbiltà tal-ilma u r-reżiljenza tal-ilma, filwaqt li jiżguraw aċċess universali għall-ilma u s-sanità, kif ukoll jiżguraw li ħadd ma jitħalla jibqa' lura u tingħata prijorità lill-protezzjoni tal-komunitajiet vulnerabbli;

67. Jilqa' t-tħabbira ta' strateġija Ewropea għar-reżiljenza tal-ilma u jistieden lill-Kummissjoni twettaq malajr din l-istrateġija biex tiżgura li s-sorsi jiġu ġestiti kif xieraq u li l-iskarsezza tiġi indirizzata, u li niżguraw ukoll li nsaħħu l-vantaġġ innovattiv kompetittiv tal-industrija u t-teknoloġija tal-ilma tagħna; iħeġġeġ lill-UE tmexxi l-isforzi biex tipproteġi u tirrestawra l-ekosistemi tal-ilma, f'konformità mad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, l-istrateġija tal-UE għall-bijodiversità, u l-Patt Ekoloġiku Ewropew;

68. Jirrikonoxxi l-universalità tal-ilma bħala riżorsa għas-setturi kollha, inklużi dawk responsabbli għall-enerġija, għas-sigurtà tal-ikel u għas-servizzi diġitali kritiċi; jirrikonoxxi r-rwol tal-għodod diġitali fl-attività kollha ta' mitigazzjoni tal-klima, bħala parti minn soċjetà reżiljenti għall-ilma;

69. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiżguraw infrastruttura tal-ilma effettiva, bħala għodda biex tiġġieled it-tibdil fil-klima u ssaħħaħ ir-reżiljenza;

70. Jilqa' l-adozzjoni tat-Trattat storiku tan-NU dwar l-Ibħra Internazzjonali, (il-Ftehim dwar il-Bijodiversità lil hinn mill-Ġuriżdizzjoni Nazzjonali); jistieden lill-partijiet ikomplu l-ħidma fuq id-Djalogu tan-NU dwar l-Oċeani u t-Tibdil fil-Klima; jisħaq li l-mekkaniżmi klimatiċi jiddependu mis-saħħa tal-oċean u l-ekosistemi marini li attwalment huma affettwati mit-tisħin globali, it-tniġġis, l-isfruttament żejjed tal-bijodiversità marina, l-aċidifikazzjoni, id-deossiġenazzjoni u l-erożjoni tal-kosta; jistieden lill-partijiet kollha jissaħħu r-reżiljenza u l-protezzjoni tal-bjar tal-karbonju oċeaniċi, inkluża s-salvagwardja tal-ekosistemi tal-baħar bħall-mangrovji, il-qigħan tal-ħaxix tal-baħar, u l-iskollijiet tal-qroll; jilqa' l-impenn tal-President tal-Kummissjoni Ewropea von der Leyen għat-tnedija ta' patt Ewropew dwar l-oċeani;

71. Jisħaq li s-setturi kollha jeħtiġilhom jikkontribwixxu billi jnaqqsu l-emissjonijiet tagħhom;

72. Jenfasizza l-ħtieġa urġenti li jiġi miġġieled it-tniġġis mill-plastik fuq livell dinji, peress

li joħloq theddida serja għall-ekosistemi tal-baħar, għall-bijodiversità, u għas-saħħa tal-bniedem, billi huwa stmat li 8 miljun tunnellata ta' plastik li jidħlu fl-oċeani kull sena; jisħaq fuq l-importanza li jiġu indirizzati l-mikroplastiċi, speċjalment fl-ekosistemi tal-oċeani u tal-ilma ħelu; jilqa' l-ħidma li għaddejja dwar it-trattat globali dwar il-plastik; iħeġġeġ lill-UE tkun minn ta' quddiem fil-promozzjoni ta' trattat li jikseb livelli sostenibbli ta' produzzjoni tal-plastik, jelimina gradwalment il-plastik dannuż li jintuża darba biss, irawwem l-innovazzjoni f'alternattivi sostenibbli u jippromwovi l-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari, kif ukoll jippromwovi r-responsabbiltà estiża tal-produttur, biex jiġi żgurat li ċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ tal-plastik jiġi indirizzat, u tingħata prijorità lill-komunitajiet l-aktar affettwati mit-tniġġis tal-plastik; jappella għal għan globali biex jiġi eliminat it-tniġġis tal-plastik fl-ambjent sal-2040;

73. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi miġġieled it-tniġġis kimiku; jappella għal azzjoni aċċellerata biex jintlaħaq il-pjan komprensiv stabbilit fil-Qafas Globali dwar is-Sustanzi Kimiċi lejn "pjaneta ħielsa mill-ħsara mis-sustanzi kl-Kimiċi u l-iskart";

74. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu protetti s-saħħa u l-benesseri tan-nies u tal-komunitajiet affettwati mill-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat aċċess ekwu għal ambjent sostenibbli, reżiljenti u b'saħħtu għall-ġenerazzjonijiet futuri;

75. Jemmen li l-politiki ambjentali għandhom jitfasslu b'allinjament sħiħ mal-approċċ Saħħa Waħda; ifakkar fl-importanza li jkun hemm Jum tas-Saħħa matul il-COP29 biex issir ħidma lejn soluzzjonijiet għal sfidi tas-saħħa komuni;

76. Jenfasizza r-rabta mill-qrib bejn it-tniġġis tal-arja u t-tibdil fil-klima; jilqa' l-isforzi internazzjonali biex jiġu indirizzati kemm it-tibdil fil-klima kif ukoll il-kwalità tal-arja permezz ta' inizjattivi bħall-Konvenzjoni tal-UNECE dwar it-Tniġġis Transkonfini tal-Arja Fuq Distanza Twila u l-Koalizzjoni għall-Klima u l-Arja Nadifa; jistieden lill-partijiet kollha jsaħħu l-kooperazzjoni dwar din il-kwistjoni u jallinjaw il-politiki dwar il-kwalità tal-arja mal-azzjoni klimatika biex jipproteġu s-saħħa pubblika u l-ambjent globalment;

77. Jisħaq li t-tibdil fil-klima se jikkontribwixxi għal żieda fir-reżistenza għall-antibijotiċi; f'dan ir-rigward, jenfasizza l-ħtieġa li tittieħed azzjoni urġenti kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi u jappella għal ftehim globali mill-partijiet biex inaqqsu l-użu tal-antimikrobiċi u jiġġieldu r-riskju ta' reżistenza;

78. Ifakkar li, globalment, il-bliet huma responsabbli għal 70 % tal-emissjonijiet globali ta' $CO_2$[1]; jenfasizza li l-gvernijiet lokali u reġjonali huma atturi ewlenin fl-azzjoni klimatika; jenfasizza, għalhekk, il-ħtieġa li jiġi ffaċilitat l-aċċess tagħhom għal mekkaniżmi finanzjarji u l-ħtieġa ta' kooperazzjoni msaħħa mal-gvernijiet lokali u reġjonali fil-proċess tat-tħejjija, il-finanzjament u l-implimentazzjoni tal-NDCs qabel il-COP30, kif ukoll pjanijiet ta' adattament nazzjonali, strateġiji u pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali għall-bijodiversità, u strateġiji fit-tul;

---

1 Shukla, P. R. u Skea, J. (ed.), *Climate Change 2022: Mitigation of Climate Change – Working Group III Contribution to the Sixth Assessment Report of the Intergovernmental Panel on Climate Change* (It-Tibdil fil-Klima 2022: Mitigazzjoni tat-Tibdil fil-Klima – Il-Kontribut tal-Grupp ta' Ħidma III għas-Sitt Rapport ta' Valutazzjoni tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima), Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima, 2022.

*Sforzi fis-setturi kollha*

79. Jilqa' l-fatt li 158 pajjiż saru firmatarji tal-Wegħda Globali b'Rabta mal-Metan; jistieden lill-firmatarji tal-Wegħda Globali b'Rabta mal-Metan jaċċelleraw l-azzjoni biex inaqqsu u jillimitaw l-emissjonijiet tal-metan sal-2030 u jsaħħu l-governanza dwar il-metan billi jfasslu qafas ġenerali bil-għan li jsir progress lejn l-impenn kollettiv; iħeġġeġ, b'mod partikolari, lill-Partijiet b'emissjonijiet kbar tal-metan u li ma ngħaqdux mal-wegħda biex jagħmlu dan mill-aktar fis possibbli; jitlob valutazzjoni kwantifikata u bbażata fuq ix-xjenza tal-progress li sar mill-adozzjoni tal-wegħda fil-COP26;

80. Jistieden lill-Partijiet kollha jinkludu wkoll miri speċifiċi għat-tnaqqis tal-metan fl-NDCs tagħhom;

81. Ifakkar fir-regolament tal-UE dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan fis-settur tal-enerġija[1] li, mill-1 ta' Jannar 2027, se japplika wkoll għall-importaturi tal-UE taż-żejt mhux maħdum, tal-gass naturali u tal-faħam; jisħaq fuq il-ħtieġa li jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-metan fis-setturi kollha fl-UE;

82. Jenfasizza l-fatt li s-settur tat-trasport huwa l-uniku settur li fih l-emissjonijiet żdiedu fil-livell tal-UE mill-1990 u li dan mhuwiex kompatibbli mal-għanijiet klimatiċi tal-UE; jisħaq li biex jintlaħqu l-miri klimatiċi tal-UE se jkun hemm bżonn ta' tnaqqis akbar u aktar rapidu tal-emissjonijiet mis-subsetturi kollha tat-trasport, inklużi s-subsetturi tal-avjazzjoni u dak marittimu; jilqa' l-inklużjoni tal-emissjonijiet marittimi fis-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (EU ETS); jisħaq fuq l-importanza li jiġu appoġġjati l-bidla modali u t-trasport intermodali u li l-għażliet tat-trasport nadif isiru aktar attraenti permezz ta' internalizzazzjoni mtejba tal-esternalitajiet, filwaqt li tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' alternattivi adegwati, jittieħdu miżuri ta' ġestjoni tad-domanda u jiġu stabbiliti rekwiżiti rigward l-effiċjenza u ċ-ċirkolarità;

83. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura l-ġustizzja soċjali tal-miżuri ta' dekarbonizzazzjoni tat-trasport, inkluż billi tinkorpora l-emissjonijiet mis-superjottijiet, mill-ġettijiet privati u mill-ajruplani korporattivi fil-politiki tal-UE dwar il-klima;

84. Jistieden lill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) tadotta miżuri biex jitnaqqsu l-emissjonijiet marittimi f'konformità mal-miri bbażati fuq ix-xjenza u l-limitu ta' 1,5 °C stabbilit mill-Ftehim ta' Pariġi; jinsab imħasseb dwar il-progress kajman magħmul fl-IMO biex jiġu indirizzati l-emissjonijiet mit-tbaħħir internazzjonali; jistieden lill-UE tippromwovi l-adozzjoni ta' miri u skedi ta' żmien globali aktar stretti; ifakkar li, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar l-ETS[2], l-UE għandha tirrevedi l-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni marittima tal-EU ETS jekk in-negozjati tal-IMO jonqsu milli jiksbu azzjoni f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi;

---

1 Ir-Regolament (UE) 2024/1787 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan fis-settur tal-enerġija u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/942, ĠU L, 2024/1787, 15.7.2024, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2024/1787/oj?eliuri=eli%3Areg%3A2024%3A1787%3Aoj&locale=mt).

2 Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2003/87/oj?eliuri=eli%3Adir%3A2003%3A87%3Aoj&locale=mt).

jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jerġgħu jibdew in-negozjati tal-UNFCCC dwar l-attribuzzjoni tal-emissjonijiet tat-tbaħħir internazzjonali lill-inventarji nazzjonali, b'riflessjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS u tar-Regolament FuelEU Maritime[1];

85. Jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti li s-settur tal-avjazzjoni jallinja mal-għanijiet klimatiċi globali, b'mod partikolari l-mira ta' 1,5 °C stabbilita mill-Ftehim ta' Pariġi; jinsab imħasseb dwar il-progress kajman miksub mill-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) biex tindirizza l-emissjonijiet mill-avjazzjoni internazzjonali; jistieden lill-ICAO tadotta miżuri aktar ambizzjużi, fl-ambitu tal-Iskema tagħha ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali, biex tnaqqas dawn l-emissjonijiet; ifakkar li jekk l-ICAO ma twettaqx tnaqqis fl-emissjonijiet f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi, il-Kummissjoni għandha obbligu li teżamina l-espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS għal titjiriet lejn ajrudromi li jinsabu barra miż-Żona Ekonomika Ewropea, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar l-ETS;

86. Ifakkar li l-impatt klimatiku mhux marbut mas-$CO_2$ tal-attivitajiet tal-avjazzjoni huwa stmat li huwa d-doppju[2] tal-impatt tas-$CO_2$ waħdu; jenfasizza l-importanza li jinġabar għarfien dwar l-impatt mhux marbut mas-$CO_2$, kemm tat-titjiriet intra-UE kif ukoll tat-titjiriet minn u lejn destinazzjonijiet mhux fl-UE, u li tiġi vvalutata l-ħtieġa ta' miżuri biex dan l-impatt jitnaqqas f'konformità mar-regoli u l-iskedi ta' żmien stabbiliti fl-EU ETS;

87. Jappella għall-iżvilupp u l-użu aċċellerati ta' fjuwils sostenibbli fis-setturi tal-avjazzjoni u dawk marittimi;

88. Itenni s-sejħa tiegħu lill-Partijiet kollha, inklużi l-Istati Membri tal-UE, biex jieħdu miżuri biex jiskoraġġixxu l-użu tal-ġettijiet privati; jenfasizza l-impatt sproporzjonat fuq il-klima tal-ġettijiet privati, li jniġġsu sa 14-il darba aktar għal kull passiġġier mit-titjiriet kummerċjali; jissottolinja l-importanza tat-tmexxija bl-eżempju u jħeġġeġ lill-parteċipanti kollha li jattendu l-COP29, inklużi dawk mill-istituzzjonijiet tal-UE, iżommu lura milli jużaw ġettijiet privati u jagħżlu l-għażla tat-trasport li l-inqas tniġġes possibbli biex jilħqu d-destinazzjoni tagħhom;

89. Jinnota li s-settur agrikolu jammonta għal 10-12 % tal-emissjonijiet antropoġeniċi globali u għal 11 % tal-emissjonijiet totali tal-UE fl-2020[3]; jinnota li l-emissjonijiet

---

1 Ir-Regolament (UE) 2023/1805 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 dwar l-użu ta' karburanti rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE (ĠU L 234, 22.09.2023, p. 48, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2023/1805/oj?eliuri=eli%3Areg%3A2023%3A1805%3Aoj&locale=mt).

2 Transport & Environment, Murphy, A. u Simon, V., 'Private jets: can the super rich supercharge zero-emission aviation?", Federazzjoni Ewropea għat-Trasport u l-Ambjent, Brussell, 2021.

3 Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, "Progress and prospects for decarbonisation in the agriculture sector and beyond" (Progress u prospetti għad-dekarbonizzazzjoni fis-settur agrikolu u lil hinn minnu), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2022.

agrikoli fil-livell tal-UE naqsu b' 25 % mill-1990[1], iżda baqgħu relattivament stabbli matul l-aħħar żewġ deċennji;

90. Jisħaq, madankollu, li l-bdiewa u s-settur agrikolu huma, fl-istess ħin, taħt pressjoni dejjem akbar mill-effetti tat-tibdil fil-klima, inklużi ż-żieda fit-temperaturi, in-nixfiet, ix-xita irregolari u l-għargħar, u jirrikonoxxi li huma sħab indispensabbli biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel, jinżammu żoni rurali vibranti u biex jinkisbu l-għanijiet tan-newtralità klimatika; jissottolinja, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li titkompla l-ħidma lejn sistemi tal-ikel sostenibbli u reżiljenti, u jirrikonoxxi kemm il-potenzjal għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fis-settur agrikolu kif ukoll il-kontribut potenzjali mill-bdiewa u l-forestiera għall-assorbiment u l-ħżin naturali tal-karbonju fil-ħamrija u fil-foresti; jenfasizza l-importanza li l-bdiewa jingħataw l-opportunità li jikkontribwixxu b'mod attiv u jipparteċipaw fl-iżvilupp ta' politiki dwar il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, u dwar il-konservazzjoni tal-ekosistema; jilqa', f'dan ir-rigward, id-Djalogu Strateġiku dwar il-Futur tal-Agrikoltura tal-UE u l-impenn tal-President tal-Kummissjoni Ursula von der Leyen li tippreżenta viżjoni għall-agrikoltura u l-ikel fl-ewwel 100 jum tat-terminu tal-Kummissjoni l-ġdida bil-ħsieb li tiġi żgurata l-kompetittività u s-sostenibbiltà fit-tul tas-settur tal-biedja tal-UE fi ħdan il-limiti planetarji;

91. Jisħaq li tranżizzjoni lejn prattiki agrikoli aktar sostenibbli, ktajjen tal-provvista iqsar, u l-qalba lejn ikel, dieti u stili ta' ħajja aktar tajbin għas-saħħa u t-tnaqqis tal-ħela tal-ikel inaqqsu b'mod sinifikanti l-emissjonijiet tal-katina tal-ikel, itejbu l-mitigazzjoni u l-adattament, inaqqsu l-pressjoni fuq il-bijodiversità u fuq l-art, inaqqsu t-tniġġis tal-arja u tal-ilma u jgħinu biex jiġu restawrati l-kwalità tal-ħamrija u l-ekosistemi; itenni li l-konsum eċċessiv tal-prodotti ultraproċessati jeħtieġ li jiġi indirizzat;

92. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' oqfsa ta' politika li jappoġġjaw lill-bdiewa, b'enfasi partikolari fuq il-bdiewa fuq skala żgħira, fit-tranżizzjoni lejn prattiki agrikoli sostenibbli billi jipprovdu għodod, mekkaniżmi, tekniki, opportunitajiet, taħriġ u inċentivi finanzjarji għall-adozzjoni ta' prattiki agrikoli intelliġenti fil-livell klimatiku li jtejbu l-produttività filwaqt li jikkontribwixxu għall-adattament u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, u li jippremjaw lill-bdiewa u lill-forestiera li jgħinu fid-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija u jaħdmu man-natura, jippreservaw il-bijodiversità u l-ekosistemi naturali; jissottolinja l-importanza li s-settur agrikolu jiġi pprovdut b'metodoloġiji komprensivi biex tiġi stabbilita sistema ta' kontabbiltà tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra li tkopri tipi differenti ta' agrikoltura; jistieden lill-UE żżid l-investiment f'teknoloġiji u innovazzjonijiet ekoloġiċi fis-settur agrikolu, bħall-agrikoltura ta' preċiżjoni, sistemi ta' irrigazzjoni sostenibbli, prattiki agrikoli intelliġenti mil-lat klimatiku u prattiki agroekoloġiċi li jippermettu l-użu aktar effiċjenti tar-riżorsi bħall-ilma u l-enerġija; jissottolinja, barra minn hekk, l-importanza ta' politiki li jiffaċilitaw l-aċċess għal tali soluzzjonijiet innovattivi u għodod diġitali; jenfasizza l-importanza li tiġi żviluppata agrikoltura aktar sostenibbli billi l-bdiewa jingħataw alternattivi sabiex inaqqsu l-użu u l-produzzjoni korrispondenti tal-fertilizzanti u l-pestiċidi sintetiċi; jinnota li dan, flimkien ma' żieda fis-sekwestru naturali tal-karbonju fil-ħamrija u fil-materja organika tal-ħamrija, jista' joffri benefiċċji multipli billi jżid il-fertilità tal-ħamrija, jirrestawra l-bijodiversità u jipprovdi potenzjal sostanzjali ta' mitigazzjoni; jisħaq fuq il-ħtieġa li r-reżiljenza tiġi mmirata aħjar billi tiġi appoġġjata l-ġestjoni tar-riskju ta' nixfiet fit-tul,

[1] Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, "EEA greenhouse gases – data viewer", 13 ta' Awwissu 2024.

jiġu promossi għelejjel li huma inqas intensivi fl-użu tal-ilma, u jitrawmu prattiki sostenibbli li jsaħħu r-reżiljenza tal-ekosistemi;

93. Jistieden lill-Partijiet kollha jkomplu jaħdmu favur l-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni tal-COP28 tal-Emirati Għarab Magħquda dwar l-Agrikoltura Sostenibbli, is-Sistemi tal-Ikel Reżiljenti, u l-Azzjoni Klimatika;

94. Jisħaq fuq l-importanza li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi globali għall-produzzjoni agrikola li tkun ibbażata fuq standards għoljin għall-protezzjoni ambjentali, il-benessri tal-annimali u l-monitoraġġ tal-konformità;

95. Jisħaq li s-settur tad-difiża jeħtieġlu jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, filwaqt li jżomm l-effettività operazzjonali, u li l-iżvilupp tat-teknoloġiji u l-istrateġiji ta' dekarbonizzazzjoni fis-settur tad-difiża għandu jiġi aċċellerat; jinnota li l-inklużjoni ta' emissjonijiet militari diżaggregati fid-dikjarazzjonijiet ippreżentati lill-UNFCCC hija volontarja u attwalment mhuwiex possibbli li jiġu identifikati emissjonijiet ta' gassijiet serra militari rrappurtati mid-data ppreżentata lill-UNFCCC; jistieden lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jifformulaw proposta għall-kontabbiltà trasparenti tal-emissjonijiet militari għall-UNFCCC, li tirrikonoxxi l-adozzjoni tal-Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża, u sabiex jimplimentaw bis-sħiħ il-Pjan Direzzjonali għat-Tibdil fil-Klima u d-Difiża;

96. Jenfasizza l-fatt li l-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera (CBAM) tal-UE huwa għodda essenzjali għall-ipprezzar effettiv tal-emissjonijiet minn prodotti importati fl-UE, għat-tnaqqis tal-emissjonijiet minn dawn il-prodotti u għall-indirizzar tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju filwaqt li jappoġġja l-adozzjoni tal-ipprezzar tal-karbonju madwar id-dinja b'miżuri ta' akkumpanjament għad-dekarbonizzazzjoni industrijali fil-pajjiżi l-anqas żviluppati; jistieden lill-Kummissjoni taħdem fuq l-espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tas-CBAM f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament CBAM[1], filwaqt li tinvolvi ruħha ma' pajjiżi mhux tal-UE biex tiffaċilita l-implimentazzjoni korretta tal-mekkaniżmu u tħeġġeġ l-introduzzjoni tal-ipprezzar tal-karbonju;

97. Jilqa' l-fatt li skont il-Bank Dinji, 24 % tal-emissjonijiet globali issa huma koperti mill-ipprezzar tal-karbonju[2]; jiddispjaċih, madankollu, li kemm kemm il-livelli tal-kopertura kif ukoll dawk tal-ipprezzar għadhom baxxi wisq biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fil-Ftehim ta' Pariġi; jilqa' l-fatt li diversi sħab kummerċjali tal-UE introduċew mekkaniżmi ta' negozjar tal-karbonju jew mekkaniżmi oħra ta' pprezzar tal-karbonju; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tħeġġeġ u tappoġġja lil Partijiet oħra biex jintroduċu jew itejbu mekkaniżmi simili tal-ipprezzar tal-karbonju, u tesplora rabtiet u forom oħra ta' kooperazzjoni ma' mekkaniżmi eżistenti tal-ipprezzar tal-karbonju barra mill-UE; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, tistabbilixxi salvagwardji li jiżguraw li

---

1 Ir-Regolament (UE) 2023/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri (ĠU L 130, 16.5.2023, p. 52, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2023/956/oj?eliuri=eli%3Areg%3A2023%3A956%3Aoj&locale=mt).

2 Il-Bank Dinji, "State and Trends of Carbon Pricing 2024", Bank Dinji, Washington DC, 21 ta' Mejju 2024.

kwalunkwe rabta mal-EU ETS se tkompli twassal għal kontributi ta' mitigazzjoni addizzjonali u permanenti, li ma jimminawx l-impenji tal-UE relatati mal-emissjonijiet domestiċi ta' gassijiet serra; jilqa' l-ħolqien tat-Task Force tal-Kummissjoni dwar id-Diplomazija Internazzjonali tal-Ipprezzar u s-Swieq tal-Karbonju u jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li din it-task force tkun operattiva għalkollox mingħajr telf ta' żmien;

98. Jinnota li l-GST jenfasizza l-importanza tat-tranżizzjoni lejn stili ta' ħajja sostenibbli u xejriet sostenibbli ta' konsum u produzzjoni fl-isforzi biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima, inkluż permezz ta' approċċi tal-ekonomija ċirkolari, u li dan jissottolinja l-ħtieġa li tkompli tiġi żviluppata l-ekonomija ċirkolari fl-UE, inkluż billi jiġu appoġġjati l-innovazzjoni u l-investiment f'soluzzjonijiet ċirkolari u mudelli ta' negozju u swieq għall-materja prima sekondarja, u jenfasizza l-importanza li jitnaqqas l-iskart u li jiżdied ir-riċiklaġġ; ifakkar l-impenn magħmul fit-8 Programm ta' Azzjoni Ambjentali li jitnaqqsu b'mod sinifikanti l-impronti materjali u tal-konsum tal-UE sabiex jinġiebu fil-limiti planetarji malajr kemm jista' jkun; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa miżuri biex titħaffef il-qalba lejn ekonomija ċirkolari u l-użu sostenibbli tar-riżorsi, filwaqt li tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta u inklużiva;

99. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi indirizzat l-impatt klimatiku u ambjentali sinifikanti tas-settur tat-tessuti, li huwa responsabbli għal madwar 8-10 % tal-emissjonijiet globali ta' gassijiet serra u għal konsum sostanzjali tar-riżorsi, b'mod partikolari tal-ilma u tal-enerġija[1]; jirrikonoxxi li l-industrija tat-tessuti jeħtieġ li jkollha rwol importanti fil-qalba lejn ekonomija ċirkolari u biex jiġu indirizzati l-isfidi relatati ma' kwistjonijiet bħall-prevenzjoni tal-iskart, l-immaniġġjar tal-iskart, it-tixrid tal-mikroplastik, l-użu tal-ilma, il-produzzjoni eċċessiva, u d-durabbiltà ġenerali u n-nuqqas ta' tossiċità tal-proċess tal-produzzjoni u r-riċiklabbiltà tal-prodotti tat-tessuti, inkluż billi jiġi żgurat li t-tessuti jkunu ddisinjati biex ikunu dejjiema u riċiklabbli; jisħaq li huwa essenzjali li ssir ħidma lejn l-istabbiliment ta' standards globali għal meta l-marki jistgħu jagħmlu asserzjonijiet ambjentali dwar prodott;

100. Jenfasizza il-ħtieġa li jiġi miġġieled il-greenwashing billi titwettaq ħidma favur l-istabbiliment ta' standards konsistenti u trasparenti għall-asserzjonijiet ekoloġiċi sabiex il-konsumaturi jiġu megħjuna jagħmlu għażliet infurmati u jipprevjenu l-greenwashing billi jiġi żgurat li l-asserzjonijiet ta' sostenibbiltà jkunu sostnuti b'evidenza verifikabbli;

101. Jisħaq li t-tibdil fil-klima, l-iskarsezza tal-ilma u d-degradazzjoni ambjentali jwasslu għal skarsezza ta' riżorsi naturali, jistgħu jżidu l-kunflitti u t-tensjonijiet, kif ukoll l-iskarsezza tal-ikel u l-katastrofi naturali, u huma xprunaturi ewlenin tal-ispostament tal-bniedem u tal-multiplikaturi tat-theddid;

102. Jinnota li l-Mediterran huwa wieħed mir-reġjuni l-aktar affettwati mit-tibdil fil-klima, u qed jisħon 20 % aktar malajr mill-medja globali, u hemm projezzjonijiet li jissuġġerixxu li 250 miljun persuna se jiffaċċjaw skarsezza tal-ilma fi żmien 20 sena[2] u jesperjenzaw

---

1 Il-Korporazzjoni Finanzjarja Internazzjonali, "Strengthening sustainability in the textile industry" (It-tisħiħ tas-sostenibbiltà fl-industrija tat-tessuti), Korporazzjoni Finanzjarja Internazzjonali, Washington DC, 2023.

2 Mediterranean Experts on Climate and environmental Change (MedECC), "Risks associated to climate and environmental changes in the Mediterranean region. A preliminary assessment by the MedECC Network

nirien fil-foresti dejjem aktar frekwenti, b'konsegwenzi serji għall-għajxien tal-komunitajiet kostali, tas-setturi ekonomiċi u tal-bijodiversità; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaġixxu b'mod urġenti, filwaqt li jikkooperaw mas-sħab tal-Mediterran biex jimplimentaw miżuri ta' adattament ambizzjużi u jmexxu azzjoni ta' mitigazzjoni, b'enfasi fuq il-ġestjoni tal-ilma, ir-restawr tal-ekosistemi, u tranżizzjonijiet ekonomiċi sostenibbli;

103. Jenfasizza li t-tibdil fil-klima qed jaffettwa l-wirt kulturali b'veloċità u skala mingħajr preċedent; jisħaq fuq il-ħtieġa li jissaħħu l-isforzi għall-protezzjoni u s-salvagwardja tal-wirt kulturali u naturali tad-dinja, b'enfasi fuq it-titjib tat-tħejjija għar-riskji u fuq it-tisħiħ tar-reżiljenza għat-tibdil fil-klima;

104. Jisħaq fuq il-ħtieġa li tiżdied l-azzjoni tal-UE dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima, ir-reżiljenza u t-tħejjija billi jissaħħaħ il-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tal-UE li tipprevjeni u timmaniġġja diżastri naturali fuq skala kbira u transfruntiera dejjem aktar frekwenti;

105. Jinnota li hemm interess xjentifiku u politiku dejjem akbar fil-modifika tar-radjazzjoni solari (SRM) bħala sett propost ta' approċċi ta' inġinerija klimatika, bħall-injezzjoni ta' aerosols fl-istratosfera biex jiġi rifless b'mod artifiċjali d-dawl tax-xemx u titkessaħ il-pjaneta; jisħaq li l-SRM ma tagħmel xejn biex tindirizza l-kawża ewlenija tat-tibdil fil-klima, li ma hemm l-ebda ċertezza xjentifika dwar l-effett tagħha u li din tipperikola l-istabbiltà klimatika u ġeopolitika, potenzjalment b'mod katastrofiku; ifakkar li ġiet imblukkata riżoluzzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-governanza globali; jistieden lill-Kummissjoni tieħu azzjoni dwar l-SRM billi tniedi ftehim li jirrestrinġi l-użu biex twaqqaf l-introduzzjoni tagħha, tillimita l-iżvilupp tagħha u toġġezzjona għall-istituzzjonalizzazzjoni futura tal-SRM fl-istituzzjonijiet internazzjonali, f'konformità mal-prinċipju ta' prekawzjoni u fin-nuqqas ta' evidenza tas-sigurtà tagħha u kunsens globali sħiħ dwar l-aċċettabbiltà tagħha;

### *It-tibdil fil-klima u l-ġeneru*

106. Jissottolinja l-importanza ta' approċċi inklużivi fil-proċess tal-UNFCCC, inkluż il-Programm ta' Ħidma għal Tranżizzjoni Ġusta; jistieden lill-Partijiet kollha, inklużi l-UE u l-Istati Membri tagħha, iżidu l-isforzi biex jintegraw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-NDCs riveduti u fil-pjanijiet ta' adattament nazzjonali tagħhom u fil-politiki klimatiċi u ambjentali tagħhom, b'mod partikolari dawk relatati mal-mitigazzjoni, l-adattament u t-telf u l-ħsara; jenfasizza l-ħtieġa ta' aktar azzjonijiet konkreti mill-Partijiet kollha biex iwettqu l-impenji tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi maqbula fil-COP25, u biex jaqblu dwar Programm ta' Ħidma ġdid dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u Pjan ta' Azzjoni assoċjat għall-perjodu ta' wara l-2024; iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jżidu l-isforzi biex jilħqu l-għanijiet stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi III;

107. Iqis li l-aċċess tan-nisa għall-finanzjament inklużiv għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima jrid jiżdied u jiġi ffaċilitat, filwaqt li jinnota li n-nisa jirċievu aċċess sproporzjonatament inqas għar-riżorsi finanzjarji għal proġetti ta' adattament għat-tibdil fil-klima u proġetti

Science-policy interface – 2019" (Ir-riskji assoċjati mat-tibdil fil-klima u l-ambjent fir-reġjun tal-Mediterran - Valutazzjoni preliminari min-Network MedECC - Interfaċċja bejn ix-Xjenza u l-Politika – 2019), 2019.

ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri jirrapportaw dwar ir-reattività għall-kwistjonijiet ta' ġeneru tal-kontribuzzjonijiet tagħhom għall-finanzjament tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u jsaħħu l-koerenza bejn l-appoġġ għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u għall-klima permezz ta' strumenti ta' azzjoni esterna u tal-BEI;

108. Jenfasizza l-importanza li tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fit-teħid tad-deċiżjonijiet fil-kuntest tad-diplomazija dwar il-klima, inkluż fid-delegazzjonijiet tas-COP u fit-tmexxija fil-livelli kollha tal-azzjoni klimatika; jistieden lill-Partijiet kollha jimmiraw biex ikun hemm ugwaljanza bejn il-ġeneri fid-delegazzjonijiet tagħhom u fil-livelli kollha tat-teħid ta' deċiżjonijiet u n-negozjati; iħeġġeġ lill-Partijiet kollha jinnominaw punt fokali nazzjonali dwar il-ġeneru u t-tibdil fil-klima u jżidu r-riżorsi, it-taħriġ u l-appoġġ assoċjati tagħhom, inkluż fi ħdan l-UE;

109. Jisħaq li l-kapaċità ta' adattament u l-vulnerabbiltà jvarjaw minn kategorija għal oħra ta' ġeneru, età, abbiltà, razza u mestier; jistieden għalhekk lill-Partijiet kollha jivvalutaw il-ħtiġijiet tal-popolazzjonijiet vulnerabbli, jirrispondu għalihom, u jipprijoritizzaw, fil-pjanijiet ta' adattament nazzjonali tagħhom, il-komunikazzjonijiet tagħhom dwar l-adattament u l-NDCs tagħhom;

110. Jisħaq fuq il-ħtieġa li titħaffef l-azzjoni għat-tnaqqis tar-riskju tad-diżastri reattiv għal kwistjonijiet tal-ġeneru, u għalhekk l-implimentazzjoni reattiva għal kwistjonijiet ta' ġeneru tal-Qafas ta' Sendai; jappella biex isiru aktar sforzi biex tingħata prijorità u jitqies il-ġeneru fit-tħejjija għad-diżastri, b'mod partikolari permezz tal-użu ta' settijiet ta' data diżaggregata għat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri;

***L-industrija, l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u l-kompetittività***

111. Iqis il-COP29 bħala pass importanti mill-iffirmar tal-Ftehim ta' Pariġi fl-2015; jenfasizza li l-isforzi biex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima għandu jkollhom l-għan li jnaqqsu l-faqar enerġetiku, iżidu r-reżiljenza u l-kompetittività tal-industrija tal-UE u tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), u jipprovdu opportunitajiet għall-industrija tal-UE u għall-SMEs li jistgħu jiġu mmaterjalizzati jekk il-leġiżlaturi jimpenjaw ruħhom għal risponsi ta' politika f'waqthom, imfassla apposta, ibbażati fuq is-solidarjetà u adegwati u għal qafas ta' tranżizzjoni stabbli u prevedibbli; jistieden lill-Partijiet kollha għall-UNFCCC jimpenjaw ruħhom u jimplimentaw dawn il-politiki u l-miżuri adegwati;

112. Jenfasizza li politiki abilitanti mfassla tajjeb jistgħu jiżguraw li l-azzjoni klimatika, l-innovazzjoni, id-dekarbonizzazzjoni, il-ħolqien tal-impjiegi u l-kompetittività kollha jimxu id f'id; ifakkar li bl-investiment f'industriji u teknoloġiji innovattivi u sostenibbli, f'konformità mat-tranżizzjoni nadifa u ġusta, il-klima, l-ekonomija, l-impjiegi ta' kwalità u l-benesseri soċjali tagħna kollha se jgawdu;

113. Iqis li huwa tal-akbar importanza li l-UE tiżgura tranżizzjoni ġusta, rapida u ekwa biex iżżomm l-appoġġ pubbliku għall-azzjoni klimatika u tmexxi bl-eżempju, u biex tiżgura vantaġġ għal min jidħol l-ewwel filwaqt li tipproteġi s-suq intern minn kompetizzjoni inġusta minn pajjiżi mhux tal-UE u tissalvagwardja kundizzjonijiet ekwi għall-industriji Ewropej fil-livell internazzjonali – b'mod partikolari billi tindirizza l-prezzijiet għoljin tal-enerġija li bħalissa qed ixekklu l-kompetittività tagħhom;

114. Iqis li biex issir l-ewwel kontinent newtrali għall-klima sa mhux aktar tard mill-2050 filwaqt li nżidu l-kompetittività tagħna, jeħtieġ li jkun hemm trasformazzjoni industrijali profonda u adattament fil-biċċa l-kbira tas-setturi; jemmen li se jkun meħtieġ investiment massiv biex tiġi appoġġjata t-trasformazzjoni tas-sistema tal-enerġija, filwaqt li jitqiesu l-punti tat-tluq differenti tal-Istati Membri; jistieden lill-UE tikkunsidra li tallinja aħjar il-qafas finanzjarju mal-Ftehim ta' Pariġi;

115. Jisħaq li l-UE għandha tagħmel l-almu tagħha biex iżżomm il-pożizzjoni ewlenija u l-kompetittività globali tal-industriji u l-SMEs tagħha fit-tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet żero netti ta' gassijiet serra; jenfasizza l-ħtieġa ta' politiki innovattivi biex jerġgħu jinkisbu, jinżammu u jiġu estiżi l-oqsma ta' tmexxija tal-UE;

116. Jenfasizza li l-industriji u l-SMEs qed jesperjenzaw trasformazzjoni sostanzjali lejn ekonomija b'emissjonijiet żero netti; jissottolinja l-ħtieġa li jiġu pprovduti għodod u appoġġ xierqa għall-fażi ta' tranżizzjoni, filwaqt li titrawwem l-innovazzjoni u tiġi żgurata l-kompetittività; ifakkar li l-SMEs iridu jiġu appoġġjati u inċentivati f'din it-tranżizzjoni mil-leġiżlaturi, b'mod partikolari billi jiġi żgurat l-aċċess għall-finanzjament għal teknoloġiji, servizzi u proċessi sostenibbli, billi jiġu ssimplifikati l-proċeduri amministrattivi u billi jiġu pprovduti opportunitajiet indaqs fl-akkwist pubbliku;

117. Jissottolinja l-ħtieġa li l-industrija Ewropea tiġi dekarbonizzata aktar malajr, filwaqt li tissaħħaħ il-kompetittività tagħha, u li jinżamm l-appoġġ tal-UE għal dan l-isforz; ifakkar, f'dan ir-rigward, fl-adozzjoni tal-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti u jinnota t-tħabbira ta' Att futur dwar l-Aċċelleratur tad-Dekarbonizzazzjoni Industrijali u Patt għal Industrija Nadifa ġdid, bil-għan li jidderiegi l-investimenti fl-infrastruttura u fl-industrija, b'mod partikolari għas-setturi intensivi fl-enerġija, u jappoġġja s-swieq ewlenin fl-iżvilupp, il-produzzjoni u d-diffużjoni tat-teknoloġija nadifa fl-industrija; jemmen li l-Fond għall-Innovazzjoni tal-UE għandu jappoġġja aktar l-espansjoni ta' teknoloġiji nodfa u innovattivi u l-ktajjen tal-provvista tagħhom;

118. Jenfasizza li l-ġestjoni tal-karbonju jista' jkollha rwol fil-mitigazzjoni tal-emissjonijiet tal-proċess f'industriji li diffiċli jitrażżnu u fit-tnaqqis tal-emissjonijiet inevitabbli; jinnota, f'dan il-kuntest, l-istrateġija industrijali reċenti għall-ġestjoni tal-karbonju, li tfittex li tiżviluppa pjan ta' azzjoni tal-UE biex jiżdiedu l-qbid, il-ħżin, it-trasport u l-użu tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ mill-faċilitajiet industrijali u tal-produzzjoni tal-enerġija, u biex is-$CO_2$ jitneħħa mill-atmosfera;

119. Jenfasizza l-ħtieġa ta' riżorsi finanzjarji adegwati biex tiġi appoġġjata t-tranżizzjoni taħt il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss, inkluż permezz ta' strumenti ta' finanzjament speċifiċi li jindirizzaw b'mod effettiv il-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-industriji Ewropej;

120. Jirrikonoxxi r-rwol essenzjali tal-SMEs, b'mod partikolari l-mikrointrapriżi u n-negozji ġodda, biex jixprunaw u jwettqu l-innovazzjoni, l-impjiegi u t-tkabbir, u biex iwittu t-triq għat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi permezz tal-innovazzjoni u soluzzjonijiet teknoloġiċi mill-aktar avvanzati; jenfasizza li l-SMEs jeħtieġu leġiżlazzjoni ċara, konsistenti u prevedibbli sabiex jikbru u joħolqu l-impjiegi; jenfasizza l-ostakli speċifiċi li tali kumpaniji jridu jiffaċċjaw biex jaċċessaw l-istrumenti finanzjarji u l-kapital pubbliku u privat;

121. jenfasizza l-ħtieġa li jiġu promossi swieq kompetittivi għall-komoditajiet u l-metalli rari

li huma essenzjali għat-tranżizzjoni ekoloġika; jenfasizza li d-dipendenza kontinwa fuq ftit fornituri taffettwa lill-industrija tal-UE b'mod negattiv u jitlob li jkun hemm diversifikazzjoni tal-fornituri; jilqa', f'dan ir-rigward, l-adozzjoni tal-Att dwar il-Materja Prima Kritika u l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tipproponi Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari ġdid; jenfasizza l-importanza kruċjali ta' ekonomija ċirkolari biex jinkisbu l-ogħla effiċjenza fir-riżorsi u indipendenza fir-rigward tal-materja prima kritika; jindika l-ħtieġa li jittejbu l-provvisti internazzjonali, inkluż permezz tas-Sħubijiet ta' Kummerċ Nadif u ta' Investiment li ġejjin, filwaqt li jiġi żgurat li jiġu applikati l-istess standards soċjali, ambjentali u tad-drittijiet tal-bniedem bħal dawk fl-UE;

122. Jenfasizza l-ħtieġa ta' programmi speċifiċi ta' kwalifiki, inklużi programmi ta' taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet li huma essenzjali biex tissaħħaħ il-forza tax-xogħol u tiġi ssodisfata d-domanda dejjem akbar tax-xogħol f'teknoloġiji nodfa u innovattivi, l-effiċjenza enerġetika, is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, ir-rinnovazzjonijiet tal-bini u l-ħżin tal-enerġija; jinnota, f'dan ir-rigward, l-importanza tal-Akkademji b'Emissjonijiet Żero Netti; jenfasizza l-ħtieġa li jsir investiment fl-edukazzjoni tax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM) sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tas-suq tax-xogħol, u biex jitrawwem il-potenzjal tal-innovazzjoni tal-UE; jenfasizza l-importanza li jiġu kkonsultati s-sħab soċjali kollha fl-immappjar tan-nuqqas ta' ħiliet u t-tfassil tas-sett ta' għodod ta' politika biex jiġu indirizzati;

***Politika dwar l-enerġija***

123. Jinnota, bi tħassib, li s-sussidji għall-fjuwils fossili żdiedu b'mod qawwi globalment f'dawn l-aħħar snin[1]; jiddispjaċih għall-fatt li s-sussidji għall-fjuwils fossili fl-UE baqgħu stabbli mill-2008, b'madwar EUR 58-55 biljun fis-sena, u żdiedu għal EUR 123 biljun fl-2022; jinnota, f'dan ir-rigward, li x-xejriet ta' investiment attwali mhumiex allinjati mal-livelli meħtieġa biex id-dinja tilħaq l-għanijiet miftiehma fil-COP28 biex tittriplika l-kapaċità rinnovabbli u biex tirdoppja r-rata ta' titjib fl-effiċjenza enerġetika, u li jeħtieġ li jsir irduppjar tal-infiq annwali attwali fuq il-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli, il-grilji u l-ħżin sal-2030[2];

124. Jissottolinja l-potenzjal mhux użat tal-enerġija ġeotermali li tagħti kontribut sinifikanti għall-kisba tal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi u tal-politika tal-enerġija tal-UE; iħeġġeġ lill-Partijiet jikkondividu l-aħjar prattiki, l-għarfien teknoloġiku u r-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni dwar it-teknoloġiji ġeotermali;

125. Ifakkar fl-aspetti tal-enerġija tal-eżitu tal-ewwel rendikont globali skont il-Kunsens tal-Emirati Għarab Magħquda, b'mod partikolari t-tranżizzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili sabiex jinkisbu emissjonijiet netti żero ta' gassijiet serra sal-2050, f'konformità max-xjenza, tiġi ttriplikata l-kapaċità tal-enerġija rinnovabbli globalment u tiġi rduppjata r-rata annwali medja globali tat-titjib fl-effiċjenza enerġetika sal-2030, u s-sejħa biex jiġu aċċellerati l-implimentazzjoni u l-investimenti f'teknoloġiji u sistemi nodfa, sostenibbli, sikuri u effiċjenti fl-użu tal-enerġija; jitlob valutazzjoni kontinwa tal-progress li sar fl-

---

1 AIE, *Fossil Fuels Consumption Subsidies 2022* (Sussidji fuq il-Konsum tal-Fjuwils Fossili), Frar 2023.

2 AIE, *World Energy Investment 2024: Overview and key findings* (Investimenti fl-Enerġija Globali 2024: Ħarsa ġenerali u sejbiet ewlenin, Ġunju 2024.

ilħuq ta' dawn il-miri;

126. Jinnota x-xewqa li jiġi stabbilit għan globali komplementari ta' żieda b'sitt darbiet fil-ħżin tal-enerġija fis-settur tal-enerġija għal 1 500 GW u li tiżdied b'mod aktar wiesa' l-flessibbiltà tas-sistema sal-2030, f'konformità mal-miri miftiehma mill-ministri tal-enerġija tal-G7 f'April 2024; jenfasizza l-ħtieġa li tingħata aktar attenzjoni lis-soluzzjonijiet teknoloġiċi mmirati lejn it-tnaqqis tal-gassijiet serra fl-atmosfera;

127. Jenfasizza l-importanza ta' tnaqqis globali fl-emissjonijiet tal-metan fil-ktajjen tal-provvista tal-fjuwils fossili matul it-tranżizzjoni lejn sistemi ta' enerġija nadifa sabiex jinkiseb il-livell globali ta' tnaqqis ta' 75 % fl-emissjonijiet tal-metan sal-2030, kif rifless fix-xenarju tal-Emissjonijiet Żero Netti tal-AIE sal-2050; jistieden lill-firmatarji tal-Wegħda Globali b'rabta mal-Metan jaċċelleraw l-azzjoni biex itaffu l-emissjonijiet tal-metan sal-2030; jinnota li r-Regolament dwar il-Metan[1] jintroduċi għodod ta' monitoraġġ globali biex tiżdied it-trasparenza tal-emissjonijiet tal-metan mill-importazzjonijiet taż-żejt, tal-gass u tal-faħam fl-UE u biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi madwar l-operaturi tal-UE u mhux tal-UE, filwaqt li titqies is-sigurtà tal-provvista;

128. Jenfasizza li t-tibdil fil-klima u l-avvenimenti estremi tat-temp qed ikollhom impatt dejjem aktar serju fuq is-sistemi tal-enerġija tagħna, inkluża l-produzzjoni tal-enerġija idroelettrika, ir-rendiment tal-bijoenerġija, l-effiċjenza tal-impjanti tal-enerġija termali u d-domandi għat-tisħin u t-tkessiħ; jinnota li l-enerġiji rinnovabbli spiss jista' jkollhom livelli ta' produzzjoni varjabbli, filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati kapaċitajiet ta' ħżin;

129. Jissottolinja r-reviżjoni fil-fond tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-enerġija skont il-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %", li allinjaha mal-mira mkabbra tal-UE tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' mill-inqas 55 % sal-2030 sabiex tinkiseb in-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050; jenfasizza li l-kisba tal-miri tagħna dwar il-klima u l-enerġija tiddependi mill-implimentazzjoni effettiva tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %"; iqis li partijiet oħra għandhom jagħmlu sforzi simili u rilevanti bl-inkoraġġiment tal-UE u f'kooperazzjoni magħha;

130. Jitlob li l-Patt għal Industrija Nadifa mħabbar jiżgura l-kompetittività tal-industriji u jtejjeb l-impjiegi ta' kwalità b'miżuri speċifiċi għas-settur u transsettorjali billi jwettaq is-simplifikazzjoni, l-investiment u l-iżgurar tal-aċċess għal provvisti tal-enerġija u materja prima affordabbli, sostenibbli u siguri, fi sħubija mal-industrija, is-sħab soċjali, l-istituzzjonijiet finanzjarji u l-partijiet ikkonċernati kollha, sabiex jiġu appoġġjati l-industriji tagħna fil-vjaġġ tagħhom lejn futur newtrali għall-klima li jippreżenta interess ekonomiku;

131. Jenfasizza r-rwol ċentrali tal-effiċjenza enerġetika, l-enerġija rinnovabbli, sistema tal-enerġija diversifikata u sorsi tal-enerġija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima; jirrikonoxxi, madankollu, l-importanza, kif għamlet l-UE fl-ambitu tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %", li jiġu

---

[1] Ir-Regolament (UE) 2024/1787 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan fis-settur tal-enerġija u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/942, ĠU L, 2024/1787, 15.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1787/oj?locale=mt

allinjati l-politiki u l-miżuri dwar l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika sabiex tinkiseb in-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050 u biex ikun hemm konformità mal-Ftehim ta' Pariġi, filwaqt li tiġi sfruttata l-opportunità tat-tnaqqis attwali fl-ispiża tal-enerġija rinnovabbli u t-teknoloġiji tal-ħżin tal-enerġija; jilqa', f'dan ir-rigward, l-adozzjoni tar-riforma urġenti u mmirata tad-disinn tas-suq tal-elettriku li għandha l-għan li tikkontribwixxi, fost l-oħrajn, biex tagħti spinta lill-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli, tagħti s-setgħa u tipproteġi lill-konsumaturi, u tagħmel il-kontijiet tal-enerġija tal-konsumaturi u tan-negozji inqas dipendenti fuq fluttwazzjonijiet fil-prezzijiet fuq terminu qasir;

132. Ifakkar fl-impenn tal-Unjoni għall-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel", li jqis il-kosteffiċjenza, l-effiċjenza tas-sistema, il-kapaċità tal-ħżin, il-flessibbiltà min-naħa tad-domanda u s-sigurtà tal-provvista;

133. Jenfasizza l-ħtieġa ta' investimenti pubbliċi u privati sinifikanti fil-grilja tal-enerġija tal-UE u fl-infrastruttura relatata biex jippermettu l-modernizzazzjoni u l-espansjoni tagħhom u l-integrazzjoni flessibbli ulterjuri tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli, il-miżuri ta' effiċjenza u s-soluzzjonijiet ta' ħżin biex tiġi pprovduta enerġija nadifa, suffiċjenti, sigura u affordabbli għaċ-ċittadini u l-industrija tagħna; jissottolinja, b'mod partikolari, il-ħtieġa li n-network tal-elettriku tal-UE jiġi aġġornat biex jakkomoda żidiet sostanzjali fil-kapaċità rinnovabbli, il-varjabbiltà fil-ġenerazzjoni, it-tibdil fix-xejriet tal-fluss tal-elettriku madwar l-Ewropa u domandi ġodda; ifakkar fl-importanza li jitneħħew l-ostakli, inklużi l-kumplessitajiet fil-proċessi tal-għoti ta' permessi għall-infrastruttura tal-elettriku, biex jiġu integrati aktar is-sistemi tal-enerġija tal-Istati Membri, li se jżidu l-potenzjal tal-Unjoni għall-produzzjoni tal-enerġija nadifa, u li jixprunaw l-introduzzjoni tal-interkonnessjonijiet; jissottolinja l-ħtieġa li l-Istati Membri jilħqu l-mira ta' 15 % għall-interkonnessjoni tal-elettriku sal-2030;

134. Jisħaq li l-kisba ta' emissjonijiet globali ta' gassijiet serra żero netti sa mhux aktar tard mill-2050 se tirrikjedi azzjonijiet globali kkoordinati u li l-pajjiżi li qed jiżviluppaw se jirrikjedu assistenza internazzjonali sabiex jiksbu t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi tagħhom; jisħaq fuq l-importanza li jissaħħu l-kooperazzjoni transfruntiera mill-qrib u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki mas-sħab internazzjonali fl-oqsma tat-tfassil tal-politika u t-trasferiment tax-xjenza u t-teknoloġija;

135. Jenfasizza li għandhom jitrawmu sħubijiet ma' pajjiżi mhux tal-UE dwar id-dimensjonijiet esterni tal-politiki tal-enerġija; jinnota l-isforzi tal-UE biex tibni alleanzi tal-enerġija b'perspettiva ta' żvilupp sostenibbli;

136. Jinnota d-dikjarazzjoni mnedija fil-COP28[1], minn aktar minn 20 pajjiż, inklużi 12-il Stat Membru tal-UE u l-Ukrajna, li tiġi ttriplikata l-kapaċità nukleari globali sal-2050;

137. Jenfasizza r-rwol ċentrali li ċ-ċittadini u l-komunitajiet lokali jeħtiġilhom jaqdu fi tranżizzjoni globali tal-enerġija ta' suċċess u l-ostakli speċifiċi li jridu jiffaċċjaw biex jaċċessaw l-istrumenti finanzjarji u l-kapital pubbliku u privat; jissottolinja l-importanza tal-leġiżlazzjoni tal-UE, li tistabbilixxi l-qafas għalihom biex jipproduċu, jikkonsmaw huma stess, jaħżnu u jbigħu l-enerġija rinnovabbli tagħhom u joffru servizzi ta' rispons għad-domanda u effiċjenza enerġetika liċ-ċittadini, fost entitajiet oħra; jisħaq li l-*acquis*

---

[1] Dikjarazzjoni Ministerjali dwar il-Kapaċità Triplikata tal-Enerġija, iffirmata fit-2 ta' Diċembru 2023.

leġiżlattiv tal-UE huwa prattika tajba trasferibbli għas-sħab internazzjonali li jfittxu li jħaffu t-tranżizzjoni ekoloġika tagħhom b'mod soċjalment ġust u demokratiku;

***Riċerka, innovazzjoni, teknoloġiji diġitali u politika spazjali***

138. Jilqa' r-rwol tal-programm Copernicus u taċ-Ċentru ta' Għarfien il-ġdid tal-UE dwar l-Osservazzjoni tad-Dinja fil-monitoraġġ tal-art, tal-atmosfera u tal-ambjent tal-baħar; jissottolinja l-importanza tal-kapaċitajiet ta' osservazzjoni satellitari għall-monitoraġġ, l-immudellat, it-tbassir u l-appoġġ għat-tfassil tal-politika dwar it-tibdil fil-klima, inkluż il-monitoraġġ tal-emissjonijiet tal-metan, l-avvenimenti b'emissjonijiet kbar ħafna u l-bjar tal-karbonju; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu promossi programmi konġunti ta' riċerka biex jiġu żviluppati teknoloġiji u infrastruttura li jindirizzaw kemm l-ispazju kif ukoll il-protezzjoni tal-klima; jenfasizza l-importanza ta' sħubijiet pubbliċi-privati biex tiġi promossa l-kooperazzjoni bejn il-gvernijiet u l-aġenziji spazjali kummerċjali; jissottolinja l-ħtieġa li tinkiseb awtonomija strateġika reali tal-UE fil-qasam satellitari, u li jsir aktar investiment fl-ekonomija spazjali;

139. Ifakkar fl-importanza tal-kontribut tar-riċerka u l-innovazzjoni biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fil-Ftehim ta' Pariġi u l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew; jissottolinja li l-maġġoranza l-kbira tar-riċerka u l-innovazzjoni meħtieġa biex jinkisbu emissjonijiet żero netti sal-2050 għad trid tiġi; jiddispjaċih għall-fatt li l-UE għadha ma laħqitx l-objettiv fit-tul tagħha li tinvesti kull sena 3 % tal-PDG fir-riċerka u l-iżvilupp, u jitlob approċċi ġodda biex tingħata spinta lill-infiq fuq ir-riċerka u l-iżvilupp industrijali;

140. Jilqa', b'mod partikolari f'dan ir-rigward, ir-rwol li għandhom Orizzont Ewropa u s-sħubijiet tiegħu, bħall-Impriżi Konġunti u l-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija, fit-trawwim tal-kollaborazzjoni bejn is-setturi pubbliċi u privati, bil-għan li jikkontribwixxu għall-kisba tan-newtralità klimatika u t-tranżizzjoni ekoloġika, filwaqt li jiżguraw li l-innovazzjonijiet ikunu sostenibbli, disponibbli, aċċessibbli u affordabbli għal kulħadd;

141. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi attirat aktar investiment, kemm pubbliku kif ukoll privat, fir-riċerka, l-innovazzjoni u l-użu ta' teknoloġiji sostenibbli ġodda, inkluż f'industriji li jirrikjedu ħafna ħaddiema, u fl-aġġornament tan-networks eżistenti u, fejn meħtieġ ta' networks u proġetti infrastrutturali ġodda, li jikkontribwixxu għall-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tal-Ftehim ta' Pariġi;

142. Jissottolinja l-importanza li jiġu żgurati l-koerenza u l-konsistenza tal-inċentivi biex jitrawmu teknoloġiji ġodda u innovattivi biex jintlaħqu l-miri tal-2030 u tal-2050 u li jiġi indirizzat l-użu ta' teknoloġiji diġà maturi u ta' investimenti f'teknoloġiji ġodda li jistgħu jkunu jeħtieġu li jiġu żviluppati biex jintlaħaq l-għan tal-Unjoni tan-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050;

143. Jenfasizza li l-UE jeħtiġilha tikkollabora fir-riċerka dwar it-teknoloġija, l-industrija u x-xjenza innovattiva biex tgħin biex isiru kontributi importanti għall-Ftehim ta' Pariġi; jitlob li tiġi implimentata l-istrateġija mħabbra għax-Xjenzi tal-Ħajja Ewropej; jistieden lill-Kummissjoni trawwem sħubijiet strateġiċi ta' riċerka biex tippermetti kundizzjonijiet ekwi fl-Ewropa;

144. Jissottolinja li d-diġitalizzazzjoni hija waħda mill-fatturi ewlenin li jixprunaw l-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija billi tista' tippermetti flussi dinamiċi u

interkonnessi tal-vetturi tal-enerġija, tippermetti li swieq aktar diversi jkunu interkonnessi, u tipprovdi d-data meħtieġa biex jitqabblu l-provvista u d-domanda u tiġi ottimizzata l-ġestjoni tan-network; jenfasizza l-potenzjal tat-teknoloġiji diġitali biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika u b'hekk jitnaqqsu l-emissjonijiet globali tal-gassijiet serra, filwaqt li jirrikonoxxi l-ħtieġa urġenti li jiġu adottati prattiki sostenibbli biex tiġi minimizzata l-impronta dejjem aktar għolja tal-karbonju u tar-riżorsi tad-diġitalizzazzjoni u tas-settur tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, b'mod partikolari ċ-ċentri tad-data u infrastruttura oħra tal-computing; ifakkar fl-objettiv tal-UE li ċ-ċentri tad-data jsiru newtrali għall-klima u effiċjenti ħafna fl-enerġija sa mhux aktar tard mill-2030, f'konformità mal-istrateġija diġitali tagħha;

***Ir-rwol tal-Parlament Ewropew fil-COP29***

145. Jemmen li l-Parlament għandu jkun parti integrali mid-delegazzjoni tal-UE fil-COP29, peress li jeħtieġlu jagħti l-kunsens tiegħu għal ftehimiet internazzjonali u għandu rwol ċentrali fl-implimentazzjoni domestika tal-Ftehim ta' Pariġi bħala wieħed mill-koleġiżlaturi tal-UE; jistenna, għalhekk, li jitħalla jattendi l-laqgħat ta' koordinazzjoni tal-UE fil-COP29 f'Baku u li jiġi garantit aċċess għad-dokumenti preparatorji kollha; jimpenja ruħu li jaġixxi b'mod indipendenti u ħieles minn kunflitti ta' interessi;

°

° °

146. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u lis-segretarjat tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, u jitlob li tiġi ċċirkolata lill-Partijiet kollha mhux tal-UE għall-Konvenzjoni.